

IL-GHID TAL-ASSUNTA

IL-HAMSA U ERBGHIN SENA

45 (2010)

www.gozocatholic.org.mt

Joseph Caruana Co. Ltd

IMPORTERS - EXPORTERS OF

Building Materials
Ceramic Tiles - Bathroom Accessories
Timber - Steel

"Caruana Buildings", Mgarr Road, Victoria, Gozo.
Tel: 2156 0019, Fax: 2155 7464
E-mail: joscar@onvol.net

Caruana Stores, Industrial Estate,
Handaq Road, Qormi.
Tel: 2148 8824, Fax: 2144 1446

www.gozocathedral.org.mt

IL-GĦID TAL-ASSUNTA

45 (2010)

Stampat
għall-ewwel darba
Awwissu 1966

Pjazza tal-Katidral,
Ċittadella, Għawdex.
VCT 1820

Tel • 2155-4101
Fax • 2156-4572
Radju Katidral Tel • 2156-5550
Librerija Katidral Tel • 2156-0479

Home-page:
http://www.gozocathedral.org.mt
http://www.radjukatidral.com

Editur
JOSEPH BEZZINA

Pubbliċità
UFFIĊJU PARROKKJALI

Proof Reading
DUN GEORGE MERCIECA

Disinn tal-qoxra
JOE CALLEJA

Ritratt tal-qoxra
Il-Knisja Matriċi medjevali u d-dokument bil-Grieg li jixhed li fis-sena 1127 Għawdex kellu komunità Kristjana bl-isqof tagħha.

Setting
ERIC DE BONO

Stampata
J. DE BONO
PRINTING PRESS LTD.
TEL: 2155-2219 • 7955-2219

© ***Copyright***
L-ARTIKLI HUMA COPYRIGHT TAL-AWTURI RISPETTIVI U MA JISTGĦUX JIĠU RIPRODOTTI B'EBDA MOD MINGĦAJR IL-PERMESS TAL-AWTURI. IL-FEHMIET ESPRESSI FL-ARTIKLI M'HUMIEX NEĊESSARJAMENT TAL-BORD EDITORJALI

Ferħ u swied il-qalb

Il-festa ta' Santa Marija reġgħet waslet. Hi festa li tkakkarna f'mumenti ta' ferħ, iżda wkoll fi ġrajja ta' swied il-qalb.

Għal darb'oħra matul is-sena li għaddiet kien ippubblikat dokument ieħor li jkompli jagħni l-istorja tal-Knisja ta' Għawdex u tal-Knisja Matriċi tagħha. Id-dokument, spjegat f'artiklu f'dan il-ġurnal, jixhed li fis-sena 1127 – is-sena li fiha l-arċipelagu Malti għadda taħt il-ħakma tan-Normanni – Għawdex kien hawn komunità Kristjana bl-isqof tagħha. **Hu possibbli li l-Knisja Matriċi ssejħet *matriċi* u b'mod konsistenti sa mill-qedem** għaliex minn dan iż-żmien sas-sena 1250 kienet **Sede Veskovili u Matriċi mhux biss ta' Għawdex iżda ta' Malta wkoll.**

Din is-sena Santa Marija tatna rigal kbir – il-qassis ġdid **Dun Maximillian Grech.** Max, kif inhu magħruf ma' ħbiebu, hu iben denn tal-parroċċa, ex-abbati, ex-klarinettist mal-Banda Leone, u ex-membru tal-Grupp tal-Armar tal-Festa. Minn dejjem ħa sehem attiv fil-ħajja reliġjuża, liturġika, u kulturali tal-Katidral u għen bil-fatti biex iġib 'il quddiem il-festa ta' Santa Marija. Għal diversi snin kien assistent editur ta' ***Il-Għid tal-Assunta*** li din is-sena jagħlaq **ħamsa u erbgħin (45) sena** ta' ħajja. Dun Maximillian sejjer ikompli l-istudji tiegħu f'waħda mill-aqwa universitajiet kattoliċi, il-*Pontificia Università Gregoriana.* M'għandhiex dubju li hemm ukoll jikseb suċċess.

Għal sena oħra, il-festa ta' Santa Marija tfakkarna f'ġrajja ta' swied il-qalb – it-tkarkir tas-saqajn u l-ostakli wieħed wara l-ieħor tal-MEPA – il-*Malta Environment and Planning Authority* – biex tkompli tipposponi b'mod indefinit il-**Kumpless Papa Piju IX u l-*parking*** propost mill-amministrazzjoni tal-Katidral. Il-problemi mhux biss għadhom mhux solvuti; iżda dejjem jinħolqu problemi ġodda. Mis-sena l-oħra 'l hawn ma sar ebda pass 'il quddiem. Dan minkejja d-diversi laqgħat li saru mal-MEPA u minkejja s-sapport kontinwu tal-Ministru għal Għawdex.

Dr Lawrence Gonzi, il-Prim Ministru ta' Malta, wiegħed riforma fil-MEPA, riforma li suppost bdiet. Aħna nappellaw lill-Prim Ministru biex mill-kliem jgħaddi għall-fatti. Il-Katidral applika għall-proġett fid-29 ta' Settembru, 2003; jiġifieri **seba' snin ilu.** Il-MEPA qiegħda toħloq ostakli inġusti lid-direzzjoni tal-Katidral. Huma inġusti għax ma' ħaddieħor f'ċirkostanzi paralleli ma' dawk tal-*parking* tal-Katidral ma ħolqithomx. Kellu elf raġun il-Prim Ministru iħaqqaq fuq "il-kredibbiltà, l-effiċjenza, u l-konsistenza".

Nappellaw lil Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru, biex jara li din iseħħ bil-fatti. Inkomplu nitolbu ħafna 'l Santa Marija ħalli l-MEPA tifhem il-ħtieġa kbira tal-*parking* u ma tkomplix tipposponi l-ħruġ tal-permess.

Nhar l-14 ta' Awwissu, 2011, jiġifieri s-sena d-dieħla, jaħbat **it-tielet ċentinarju mill-ftuħ tal-Katidral.** Inħejju ruħna għal dan l-anniversarju mill-aħjar li nistgħu u nkunu ġenerużi fl-offerti tagħna ħalli kemm **ir-restawr tal-faċċata tal-Katidral**, u kemm **l-opra tal-pavaljun tal-fidda fuq l-inkwatru titulari** jkunu lesti għaċ-ċentinarju.

Il-festa t-tajba!

"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej..."

Dawn il-kelmiet tal-*Magnificat* juri l-atteġġjament kontinwu ta' tifħir u ta' radd il-ħajr li l-Madonna kellha lejn il-Mulej Alla matul ħajjitha. Għażilt dawn il-kelmiet bħala ħsieb tiegħi għax jgħallmuna biex inkunu ottimisti u pożittivi fil-ħajja tagħna kemm bħala insara u kemm bħala devoti ta' Santa Marija. Dan ifisser li nkunu nies kapaċi naraw il-kobor u l-imħabba li l-Mulej Alla għandu lejna l-bnedmin.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna għandha valur kbir u jiżbalja bil-kbir min jaħseb li hija fanatiżmu reliġjuż jew li għadda żmienha. Jista' jiġri għalhekk, li ħafna drabi ma napprezzawx biżżejjed din il-grazzja prezzjuża

L-omm naturali tagħna hija għalina waħda mill-aqwa doni, għalkemm aħna l-ulied, m'aħniex dejjem konxji minn dan. Santa Marija hi l-omm għall-komunità parrokkjali tal-Katidral u għalhekk aħna l-parruċċani għandu jkollna devozzjoni u mħabba speċjali lejn ommna Santa Marija.

Naħsbu ftit x'kien ikun fil-ħajja tagħna kieku naqset l-esperjenza u r-relazzjoni ma' dik il-mara li hija ommna. Il-ħajja tagħna kienet tkun l-istess? Tista' timmaġina l-ħajja tiegħek mingħajr ommok? Mingħajr dik il-mara li tagħtek il-ħajja, li ħabbitek, li għenitek fl-għażliet tiegħek, li kienet ma' ġenbek waqt it-tbatija u d-dwejjaq, u li qasmet miegħek il-ferħ?

L-istess hi s-sitwazzjoni tagħna bħala nsara. Kieku m'għandniex lill-Madonna bħala ommna żgur li l-ħajja tal-Knisja kienet tkun differenti. Kienet tkun nieqsa minn xi ħaġa sabiħa u importanti. Tista' timmaġina l-Katidral tagħna mingħajr Santa Marija?

Għalhekk nistaqsu lilna nfusna:

- Kif tista' tkun nisrani jekk inti ma żżommx lill-Madonna, Omm Alla, bħala ommok?
- Kif tista' tkun nisrani tajjeb jekk ma tħobbx lill-Madonna ?
- Kif tista' tkun nisrani qalbieni jekk ma tagħmilx li tista' biex tkun bħal dik il-mara ta' Nazzaret li qalet *Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej?*
- Kif tista' tkun nisrani veru li temmen li Kristu qam mill-imwiet u mbagħad ma temminx li Marija hija mtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem?
- Kif tista' tkun nisrani ferrieħi jekk ma tfaħħarx lil Alla l-Imbierek, kull ħin u kull mument talli tana lil Ommu Marija bħala Ommna ?

Kemm hemm raġunijiet fil-ħajja biex infaħħru lill-Mulej ta' tant rigali li Huwa stess jagħtina kuljum, kull ħin, u kull mument.

- **Tal-ħajja**... nistgħu qatt nimmaġinaw kieku m'għandniex il-ħajja umana, x'konna nkunu aħna llum? Xejn.
- **Tal-familja**... hekk kif inhi, tort jew mertu tagħna. Kemm u kif qegħdin nikkollaboraw ma' Alla, mal-pjan ta' mħabba li Alla l-Imbierek lesta għalina u għall-familji tagħna?
- **Tal-istorja personali**... tfulija, żgħożija, kultura, karattru, gosti. Aħna għandna l-personalità tagħna unika u irrepetibbli. Napprezzaw dak li aħna u dak li għandna? Napprezzaw kemm-il darba Alla uriena l-preżenza Tiegħu fil-ħajja tagħna? Napprezzaw kemm-il darba ħelisna minn gwaj, żbalji, u perikli, u kemm dawwalna biex nagħżlu t-triq it-tajba?

Nawgura lill-parruċċani kollha l-festa tajba! Jalla meta ngħajtu **Viva Santa Marija**, il-qlub tagħna jkunu mimlija b'dak il-ferħ spiritwali li jwassalna biex naraw dejjem is-sabiħ li jeżisti madwarna u nkomplu nkabbru dik l-għaqda u l-imħabba li Ommna Santa Marija tixtieq minna.

Il-paċi magħkom.

Messaġġ ta' Monsinjur Ġużepp Attard

Arċipriet tal-Katidral

www.gozocathedral.org.mt

JOSEPH BEZZINA

Lejn it-tielet ċentinarju mill-ftuħ tal-Katidral:
IL-BENNEJJA TAS-SENA 1710

Nhar l-14 ta' Awwisu, 2011, jekk il-Bambin irrid, jaħbat it-tielet ċentinarju mill-ftuħ tal-knisja l-ġdida – ftuħ imfakkar b'mod prominenti mill-iskrizzjoni li hemm fuq il-fonti tal-magħmudija, hekk kif tidħol fil-Katidral fuq ix-xellug. Din l-istess skrizzjoni tfakkar ukoll it-tqegħid tal-Ewwel Ġebla.

Bi tħejjija għal dan it-triċentinarju, inkomplu mal-artiklu tas-sena l-oħra bir-riproduzzjoni u traskrizzjoni tal-kont li tħallas lill-bennejja nhar is-Sibt, 9 ta' Awwissu, 2010, jiġifieri l-ġimgħa ta' qabel Santa Marija ta' tliet mitt sena ilu.

Ir-reġistru hu ntitolat *Conti della fabbrica della Chiesa Matrice* u jibda mill-ħlasijiet magħmula fis-sena 1697, is-sena li fiha tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Matriċi Kolleġġjata l-ġdida. Il-kont riprodott jinsab folju 101v.

Conti della fabbrica, 101v

1 • Il-ħlas tliet mit sena ilu

Il-ħlas lill-ħaddiema kien isir regolarment kull nhar ta' Sibt. Din li ġejja hi traskrizzjoni tal-kont li qegħdin nirriproduċu fotografikament.

Adì 9 corrente (agosto) 1710, giorno di Sabbato

A Mastro Matthia Habela per giorni 6	Scudi 2
A Natale Saliba per giorni 6	Scudi 1 tari 07 grani 10
A Domenico Farrugia per giorni 6½	Scudi 1 tari 07 grani 10
A Marco Cassar per giorni 6½	Scudi 1 tari 09 grani 10
A Gioseppe Grech per giorni 6	Scudi 1
A GioAndrea Grech per giorni 6	Scudi 1
A Salvatore Gatt per giorni 6	Scudi 1
A Salvatore Grima per giorni 5½	Scudi 0 tari 11
A Antonio Grech per giorni 6	Scudi 0 tari 06
A Michele Grech per giorni 6	Scudi 0 tari 09
A Pino Paci per viaggi a grani 5 l'uno	Scudi 4 tari 09
Alli sudetto per viaggi 15 col calesse	Scudi 1
[Total]	Scudi 17 tari 11 grani 10

Xicluna, deputato

2 • Żieda tal-ħaddiema

L-imgħallem jew il-bennej ewlieni kien l-istess bħal tas-sena ta' qabel, MASTRO MATTHIA HABELA. Ix-xogħol prinċipali tiegħu kien li jibni. Iżda, barra dan, kien hu wkoll li jħażżes kulma kien hemm bżonn u li jipprepara l-mollijiet, jew forom tal-kartun jew tal-landa għal ġebel tal-irkaptu, jiġifieri tax-xogħol mhux dritt, jew li jeħtieġ il-lavur.

Meta tqabbel il-kont ma' dak tal-istess ġimgħa tas-sena 1709, wieħed jinnota li kien hemm żieda fin-numru ta' ħaddiema – minn tmienja telgħu għal ħdax. Dan aktarx sar biex jitħaffef ix-xogħol meta, wisq probabbli, kienu qegħdin isaqqfu l-korsija.

Wieħed jinnota wkoll li tnejn mill-ħaddiema tħallsu ta' sitt ijiem u nofs xogħol. Dan ifisser li biex jippreparaw xi xogħol lill-imgħallem – bħalma kien il-lavur tal-ġebel u t-tlugħ tiegħu minn isfel għal fuq l-armar – kien anki qiegħed isir xi xogħol nhar ta' Ħadd. Dan seta' jsir bil-permess speċjali tal-isqof.

Hu probabbli ħafna li nhar ta' Ħadd numru ta' volontiera kienu joffru nofs ta' nhar xogħol b'xejn. Kienu meħtieġa għalhekk ħaddiema regolari biex ikunu jistgħu jissorveljaw dak li jsir.

3 • Ġimgħa xogħol

It-total ta' ġimgħa xogħol ta' qabel il-festa ta' Santa Marija ta' tliet mitt sena ilu tela' għas-somma ta' 17-il skut, 11-il irbiegħi, u 10 ħabbiet. Dan ifisser qabża kbir fuq il-kont tal-istess ġimgħa s-sena ta' qabel li kien ta' 11-il skut, 3 irbgħajja, u 12-il ħabba. Ma kinitx somma żgħira għal dak iż-żmien.

Il-ħlas hu awtentikat bil-firma tad-deputat tal-Kapitlu, il-kanonku Xicluna.

www.gozocathedral.org.mt

JOSEPH BEZZINA

Għawdex Kristjan fit-tieni kwart tas-seklu tnax

Nhar il-5 ta' Marzu, 2010, tnieda Għawdex il-ktieb *Tristia ex Melitogaudo* – ktieb li jikkonsisti f'poeżija bil-Grieg li nkitbet hawn Għawdex fil-bidu tal-ħakma Normanna fit-tieni kwart tas-seklu tnax. It-traskrizzjoni u l-istudju dwarha saru mill-Professuri Joseph Busuttil, Stanley J. Fiorini, u Horatio C.R. Vella. Minn xhieda interna, wieħed jikkonkludi li l-poeżija nkitbet wara s-sena 1135 u qabel is-sena 1151. L-awtur kien eżiljat Għawdex mir-Re Ruġġieru II in-Normann. Dan l-artiklu jikkonsisti f'siltiet mid-diskors li għamilt f'jum it-tnedija

Ruġġieru II

1 • In-Normanni

In-Normanni, magħrufa bħala baħħara mill-aqwa u ġellieda qalila, kienu oriġinarjament jgħammru fid-Danimarka u fl-Iskandinavja. Fis-sena 912, Rollo, wieħed mill-kapijiet ta' dan it-tribù Viking, ħataf biċċa art fit-tramuntana ta' Franza, reġjun li 'l quddiem issejjaħ warajhom in-Normandija. In-Normanni f'qasir żmien ħaddnu l-Kristjaneżmu, ir-reliġjon tal-poplu ta' dak ir-reġjun.

AMATO DI MONTECASSINO fil-famuża *Historia Normannorum* li waslitilna bħala *L'Ystoire de li Normant* jgħarrafna li n-Normanni ġew f'kuntatt mal-papat għall-ewwel darba fl-okkażjoni ta' dak li jista' jitqies bħala pellegrinaġġ nazzjonali Normann lejn is-Santwarju ta' *San Michele del Gargano*. Raw b'għajnejhom kif l-Italja t'Isfel kienet mifnija bil-ġlied bejn il-Lombardi u l-Biżantini u baqgħu hemm, daqqa jżommu ma' naħa, daqqa ma' oħra sa ma ħadu kollox taħt idejhom. Xtaq ħafna li l-Papa jillegalizza l-ħidma militari tiegħu. Fl-1059, il-Papa Nikol II (1059–1061) irregala l-*Vexillum Sancti Petri* jew "il-bandiera ta' San Pietru" lid-Duka Normann Robertu Guiscard u b'hekk tah setgħa sovrana fuq in-naħa t'isfel tal-Italja u fuq Sqallija. Dan għamlu bil-kundizzjoni li jġib fit-tmiem il-ħakma tal-Misilmin minn dik il-gżira u l-artijiet ta' madwar. Żamm kelmtu u bagħat lil ħuh, il-Konti Ruġġieru, biex iwettaq il-wegħda li kien għamel.

Kien lejn tmiem din il-kampanja militari li, fis-sena 1091, il-Konti Ruġġieru okkupa lil Malta. Hu ħalla t-tmexxija ta' Malta f'idejn is-Saraċini bil-kundizzjoni li jħallsu l-ħaraġ. Hu u sejjer lura bil-priża u bl-ilsiera Kristjani qalulu b'Għawdex u ssakkeġġja l-gżira u ħa kull ma seta'. Aktarx li wara mewtu, li ġrat fit-22 ta' Ġunju, 1101, is-Saraċini ma ħallsux iktar ħaraġ u n-Normanni ħassew il-bżonn li jieħdu 'l Malta mill-ġdid.

F'Lulju 1127, Ruġġieru (1113–1154), bin il-Konti Ruġġieru, okkupa 'l Malta u lil Għawdex għal darb'oħra. Ħelishom mit-tmexxija tas-Saraċini, ħa t-tmexxija f'idejh, u ħalla amministratur b'xi stakkament suldati għall-ħarsien tagħha.

Il-Konti Ruġġieru l-iben kien inkurunat Re ta' Sqallija bl-isem ta' Ruġġieru II fil-25 ta' Diċembru, 1130. Kien statista kapaċi u organizzatur mill-aqwa li b'liġijiet għaqlin u amministrazzjoni prattika rnexxielu jgħaqqad f'renju wieħed nies ta' kultura u ta' reliġjonijiet differenti – jiġifieri l-Kristjani tar-Rit Grieg, il-Kristjani Rumani, u l-Misilmin. L-id il-leminija tiegħu fit-twettiq ta' din il-politika u anki l-moħħ wara t-twaqqif tar-Renju kien Ġorġ ta' Antijokja (c.1061-1151), Grieg Melkita, li laħaq emir tal-emiri, jiġifieri ammirall tal-ammiralli. Il-poeżija hija indirizzata proprju lilu.

www.gozocathedral.org.mt

2 • L-ewwel snin tan-Normanni

In-Normanni kienu nies liberali li la qerdu d-drawwiet li sabu, la fixklu l-ilsien li bih kienu jitkellmu n-nies li ħakmu, la ndaħlu fit-twemmin tagħhom, u lanqas kellhom għaġla biex il-Misilmin isiru Kristjani. Kien għalhekk li f'Malta baqgħu drawwiet li daħlu mas-Saraċini, kelma li tirreferi għall-Misilmin li jitkellmu bl-Għarbi. Hu mħabba f'hekk ukoll li l-lingwa Maltija li ġabu magħhom is-Saraċini minn Sqallija mhux biss ma spiċċatx iżda bdiet ġejja 'l quddiem. Din il-politika ta' libertà tispjega wkoll għaliex il-Maltin baqgħu jħaddnu l-Islam.

Tant hu hekk li fl-1133, kittieb Grieg-Sqalli jsejjaħ lin-nies ta' Malta *Agarenes,* jiġifieri Agarini, nies mir-razza ta' Ħagar, nies bla fidi, fi kliem ieħor Misilmin. Fl-1175, għalkemm kienu għaddew kważi ħamsin sena mill-bidu tal-ħakma Normanna, Burchard, l-isqof ta' Strassburg, li aktarx għadda minn Malta fi triqtu lejn l-Eġittu, kiteb li Malta kienet *a sarracenis inhabitata,* jiġifieri mgħammra mis-Saraċini. Ċensiment tal-1241, jiġifieri 114-il sena wara li Malta u Għawdex kienu għaddew taħt ħakma Kristjana, jixhed li numru kbir ta' familji Malta kienu għadhom Misilmin. F'Għawdex, bil-maqlub ta' Malta, il-maġġuranza kienu Kristjani.

Iċ-ċensiment, magħmul minn Ġilibertu Abbate, ir-rappreżentant ta' l-Imperatur Federiku II Hohenstaufen, jagħti dawn iċ-ċifri dwar il-familji f'Malta u Għawdex:

FAMILJI	Kristjani	Misilmin	Lhud	Total
Malta	47	681	25	753
Għawdex	203	155	8	366
Total	250	836	33	1119

3 • Il-poeżija

L-awtur tal-poeżija – li, b'mod konvinċenti, l-edituri ta' dan l-istudju jidentifikawh ma' Ewġenju ta' Palermo, li aktarx hu l-magħruf storiku u kronologu Hugo Falcandus – jixhed li lejn is-sena 1135 ġa kien hemm komunità konsistenti ta' Kristjani f'Għawdex. Kien għalhekk li 114-il sena wara l-miġja tan-Normanni, 81% tal-Kristjani fl-arċipelagu Malti kienu Għawdex u 57% tal-Għawdxin kienu Kristjani.

L-awtur, eżiljat Għawdex mir-Re Ruġġieru II, kif għidna, iqabbel lilu nnifsu mal-poeta Ruman Ovidju li kien eżiljat Pontu mill-Imperatur Awgustu. 'L Għawdex isejjaħlu *Melitogaudo* – isem li kien jagħżel lil dan Għawdex minn Gavdos ta' Kreta, gżira fejn stkenn il-ġifen ta' San Pawl qabel in-nawfraġju ta' Malta. Malta kienu jirreferu għaliha bħala *Gaudomelete* biex jagħżluha minn Meleda tad-Dalmazja.

Il-poeżija hi talba ħerqana lil Ġorġ ta' Antijokja, Grieg bħalu, biex jidħol għalih mar-Re ħalli jħallih jerġa' lura Sqallija. Il-poeta jieħu spunt mill-ġrajjiet ta' ħafna persunaġġi tal-passat, bibliċi, nies kbar tal-Greċja, u personaġġi mitoloġiċi, u jqabbel ġrajjiethom ma' dak li ġara lilu. F'dan il-kuntest isemmi n-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Dan ifisser li sa minn madwar is-sena 1135, il-gżira ta' Malta msemmija fl-ewwel vers tal-kapitlu 28 tal-Atti tal-Appostli kienet identifikata ma' din Malta (84v-85v).

4 • Ruġġieru f'Għawdex

L-awtur, qabel ma semma 'l San Pawl, jagħtina tagħrif dwar l-attakk ta' Ruġġieru fuq Għawdex (84r-v). Ruġġieru rama flotta żgħira ta' xwieni, bil-fanterija armata bil-lanez u bil-qwas, salpa għal Għawdex, pajjiż Ħagar, dawwar belthom bil-katapulti, u ġegħelhom iċiedu l-armi. Hemm sab li kulħadd kien isalli għal Muħammet (hekk kiteb ismu) u qabad u keċċa lis-sidien bl-ilsiera suwed li kellhom b'kollox.

Kien Lulju tas-sena 1127. Kif il-Kristjani ntebħu bid-disfatta tal-Misilmin, huma ħarġu fil-beraħ mal-isqof tagħhom – u forsi anki l-qassisin. Dawn kienu Kristjani u, iżid b'mod emfatiku l-poeta, kienu jqimu lit-Trinità sa mill-qedem (84v) u jitolbu wkoll għar-Re jew għal dak li kellu x-xettru f'idejh.

L-agħar ħaġa li stajt tagħmel quddiem il-Mislem hi li tistqarr li Alla kellu l-ixirka, jiġifieri tliet persuni. Hekk għandna, per eżempju, lil Mejmuna li aktarx mietet hawn Għawdex fis-sena 1173, tistqarr li Alla tagħha ma għandux ixirka, għax Alla kien waħdu u la wilduh u lanqas jiled.

Ruġġieru – ikompli jgħidilna l-poeta, li ta' min jiftakar qiegħed jikteb biss ftit snin wara l-ġrajja – ħa l-Moskej tal-Misilmin li l-Muddibi kellhom Għawdex u għaddiehom lill-Kristjani. Il-*muwaddib* – kelma ġejja minn widdeb, li bil-Għarbi tfisser tgħallem, tħejji skular – kien il-kap tal-iskola Qoranika marbuta mal-Moskej. Il-fatt li l-poeta jirreferi għall-*Mouddibi* jagħtik x'tifhem li f'Għawdex kien hemm ukoll l-iskejjel Qoraniċi.

www.gozocathedral.org.mt



Is-silta tal-poeżija ta' l-anonomu Sqalli-Grieg miktuba Għawdex bejn is-snin 1135-1151, fejn jirreferi għall-komunità Kristjana ta' Għawdex u l-isqof tagħha (folju 84r, versi 14-15) [Madrid, BIBLIOTECA NACIONAL, *Cod. Graec.*, 4577].

Ruġġieru, ikompli jinformana l-poeta, għadda dawn il-postijiet lill-Kristjani u, iktar importanti, waqqaf fihom tempji mqaddsa (84v). Meta daħal Palermo f'Jannar 1072, Robertu Guiscard, li jiġi zijuh, kien għamel l-istess – bena knisja ddedikata lill-Madonna minflok il-moskeja li kien hemm, tant li ma' wieħed mill-ħitan tad-*Duomo* għad hemm skrizzjoni oriġinali bl-Għarbi. L-eqdem aħbar dwar id-dedikazzjoni tad-*Duomo* tindika li kien iddedikat sa mill-bidu lid-*Dormitio* tal-Madonna. Ruġġieru II nnifsu bena l-kappella Palatina f'dak li qabel kien il-Palazz tal-Emiri. 'Il quddiem fil-Belt ta' Għawdex kellha tispikka fuq l-oħrajn knisja msejħa Matriċi b'mod konsistenti u li wkoll kienet iddedikata lid-*Dormitio*, lil Santa Marija.

Il-poeta jagħti x'wieħed jifhem li Ruġġieru qiegħed jagħmel dan kollu b'awtorità (84r, vers 2). Il-poeta kien konxju li fis-sena 1098, il-Papa Urbanu II kien ta diversi privileġġi lill-Konti Ruġġieru l-missier fuq il-Knisja fi Sqallija. Fosthom kellu s-setgħa jwaqqaf djoċesijiet u jaħtar isqfijiet. Ruġġieru II uża dan il-privileġġ meta fis-7 ta' Ġunju, 1131, waqqaf mill-ġdid id-djoċesi ta' Cefalù.

It-twaqqif tat-tempji mqaddsa minn Ruġġieru kien ifisser il-bidu mill-ġdid tal-knejjes fl-Imdina jew il-Belt ta' Għawdex u fir-Rabat tagħha. Ruġġieru madankollu ma imponiex il-kult Kristjan Latin, iżda ħalla kollox f'idejn l-isqof u l-qassisin tiegħu.

Barra mill-moskej u l-iskejjel jgħallmu l-Quran, nafu wkoll li Għawdex kien hemm *torri* u fih kienu jaqflu l-poeta bil-lejl (57r). Seta' kien it-Torri tal-Bandiera, torri jgħasses Bieb l-Imdina. Seta' wkoll kien torri għoli fuq il-ħitan tal-Belt biex minn fuqu jaraw 'l Għawdex kollu bil-baħar madwar. Fuq il-fortifikazzjonijiet medjevali tat-tramuntana taċ-Ċittadella għadu jidher sal-lum frontun b'ornament imtarraġ 'l barra *(corbelling)* li jista' jkun il-fundament ta' dak li possibilment kien torri tal-għassa fiż-żminijiet medjevali.

Il-kliem tal-poeta jfakkarna f'dak li jgħid Patri Manwel Magri li fil-Belt ta' Għawdex kien hemm Borġ Geritu. Borġ tfisser torri, u Geritu, skont is-Sur Victor J. Galea, jista' jkun li hi taqsira ta' *Margeritu ta' Brindisi*, suċċessur ta' Ġorġ ta' Antijokja u ta' Majone ta' Bari u bħalhom ammirall tal-flotta Normanna. Fis-sena 1194 sar l-ewwel Mula jew Konti ta' Malta.

It-torri kien invażat bl-insetti. Il-poeta kien jorqod fuq mitraħ tal-qasbija mimli briegħed, qamel, baqq, u wirdien (57r) – iżda dawn naturalment ma kinux Għawdex biss. Poeta Franċiż sab l-istess Praga fis-seklu tlettax.

5 • Il-Kristjani ta' Għawdex

Kif Ruġġieru ħeles lil Għawdex mill-Misilmin, il-Kristjani tal-gżira mal-isqof tagħhom setgħu joħorġu fil-miftuħ u jistqarru l-fidi tagħhom fit-Trinità. L-isqof kellu wkoll xi qassisin għax kien lilhom li Ruġġieru newwel il-postijiet li qabel kienu tal-*muwaddib*.

Il-poeta jagħtik x'tifhem li l-komunità ta' Kristjani Għawdxin li sab Ruġġieru kienet komunità konsistenti. Kienet din il-komunità Għawdxija li, kif jgħidu l-awturi fid-dedikazzjoni, *tgħaqqad l-ewwel millennju ta' Kristjanità f'Malta mat-tieni millennju.*

Il-probabbiltà hi li dawn kienu d-dixxendenti tal-Kristjani Biżantini–Griegi–Għawdxin ta' qabel is-sena 869. Dik is-sena, il-Għarab Aglabiti kienu attakkaw lil Malta. Peress li Malta sabu reżistenza, qerdu għal

www.gozocathedral.org.mt

kollox il-komunità Biżantina tal-gżira. L-isqof ta' Malta spiċċa l-ħabs Palermo flimkien mal-isqof ta' Sirakuża.

Għawdex ċieda bla ġlied u l-Kristjani baqgħu fil-gżira jħallsu l-*ġiżja*. Minn dik is-sena, l-istorja ta' Għawdex ma baqgħetx miexja parallela ma' ta' Malta. Dan ġara iktar minn darba matul il-millennji. Id-*Dhimmi*, in-nies tal-Patt – terminu li bih is-Saraċini jirreferu għall-Kristjani – baqgħu jgħixu bil-kwiet mal-Misilmin. Ir-riferenza tal-poeta għall-Patt, jiġifieri għall-*Ahl adh-Dhimma*, in-nies tal-Patt, ma jħalli l-ebda dubju li l-komunità ta' Għawdex kienet waħda Kristjana.

Il-Misilmin ħadu r-riedni f'idejhom u l-Kristjani spiċċaw bla knejjes u bla qassisin. Madankollu, din il-poeżija tagħti ħjiel li l-komunità Griega ta' Sqallija kienet tibgħat xi isqof ħa jieħu ħsiebhom. Kienu dan il-kuntatt mal-Kristjani Sqallin u forsi anki ma' diversi *usuraq* jew ilsiera Kristjani li kienu jitkellmu bil-Għarbi li wassal biex jidħol fil-Malti kliem semitiku li għandu x'jaqsam mar-reliġjon Kristjana, jiġifieri, *Alla, Randan, Għid il-Kbir, Santa Marija, Milied* (bil-Għarbi, milad il-Masih u milad in-Nabi), u *ġenna.* U ma' dawn wieħed jista' jżid il-kelmiet: *knisja, nisrani, qassis,* u *qaddis* — kliem dokumentat f'diplomi Għarbin-Griegi ta' Sqallija.

Il-fatt li Għawdex qrib Malta ma kienx arabizzat għal kollox m'hix xi eċċezzjoni. L-istess ġara f'inħawi differenti ta' Sqallija, l-iktar fit-trijanglu art minn Messina sa Cefalù għal mal-kosta, fejn numru ta' komunitajiet Kristjani Griegi baqgħu jeżistu tul il-ħakma Għarbija ta' Sqallija. Anki d-djoċesi ta' Palermo, tajjeb jew ħażin, baqgħet teżisti.

Fl-aħħarnett, l-ipotesi li din il-komunità ta' Għawdex setgħet twaqqfet mis-sena 1091, jiġifieri mill-miġja tal-Konti Ruġġieru, ftit tagħmel sens. Il-Konti kien jippromovi r-rit Latin u mhux dak Biżantin, ir-rit ipprattikat minn din il-komunità.

6 • Fdalijiet tal-influwenza Griega

L-eqdem xhieda dokumentata ta' influwenza Griega fuq il-knisja post-Normanna, wara din il-poeżija, hu t-testment ta' Guillelmus de Malta magħmul fil-Kastell, għax issa hekk bdiet tissejjaħ l-Imdina ta' Għawdex, nhar it-8 ta' Frar, 1299. Id-dokument oriġinali jinsab fl-Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona, Barċellona.

It-testment jiftaħ b'deskrizzjoni ta' vjatku li sar bil-ħobż u l-inbid. Il-preservazzjoni tal-inbid, barra l-ħobż, wara l-quddiesa hi drawwa tipikament Griega. Ta' min iżid li l-użu tat-tqarbin biż-żewġ speċi lill-morda u lill-moribondi baqgħet ħajja għal mijiet ta' snin. Fl-1575, il-Viżitatur Appostoliku Pietru Dusina iwissi lill-kleru biex ma jkomplix b'din id-drawwa.

Wieħed mill-firmatarji tat-testment, iddeċifrat mill-awturi bħala Arman Gebasali, il-bniedem responsabbli mis-swar, jiffirma bil-Grieg. Il-kunjom hu sinifikanti wkoll. Skont De Soldanis, *ġebsala* (plural *ġbasal*) tfisser qolla tan-naħal; *ġebasali* hu min iżomm in-naħal *(bee-keeper)* – kelma li hi Għarbija u Griega.

Id-dokument jixhed ukoll li fil-Belt ta' Għawdex kien hemm knisja tiffunzjona ta' parroċċa bir-rit Grieg. Din hi aktarx dik il-knisja li fis-sena 1435 tissejjaħ il-Matriċi ta' Santa Marija. Il-kelma *Santa Marija* hija dokumentata diversi drabi f'diplomi Għarbin-Griegi ta' Sqallija u tirreferi għad-*Dormitio* jew l-Assunzjoni ta' Marija fis-Sema, titlu marbut bis-sħiħ mad-devozzjoni Marjana fost il-Griegi, u, kif ġa ktibt, it-titular tal-Katidral ta' Palermo.

Il-Knisja Matriċi kienet pjuttost kwadra, forma ta' salib Grieg, u mhux tawwalija bħal salib Latin. Hekk jagħtu ħjiel dokumenti posterjuri li jiddeskrivu l-kappelli li nbnew imissu u jinfdu mal-Matriċi. Bħal knejjes Griegi jidher li kellha artal wieħed. Wara s-sena 1494, bdew jinbnew il-kappelli mal-ġnub u kienu dawn li eventwalment ħolqu l-artali tal-ġnub.

Il-Knisja jidher li kellha *iconostaseis* jew kanċell li jifred l-artal mill-bqija tal-knisja. Pietru Dusina, fil-viżta appostolika, isemmi qanpiena fil-Matriċi li kienet tas-*Sanctum Sanctorum* – il-parti ta' wara tal-kanċell. Għalkemm, skont l-awturi, jista' jkun li dan it-terminu jirreferi biss għall-kanċell li kien jifred il-kor tal-kolleġġjata mill-bqija tal-knisja.

L-influwenza Griega f'Għawdex hi msaħħa wkoll mill-viżta appostolika ta' Pietro Dusina li saret fis-sena 1575. 450 sena wara l-miġja ta' Ruġġieru, il-maġġuranza tal-knejjes fil-Belt jew il-Kastell, kif bdiet tissejjaħ, jixhdu influwenza Griega: il-kappella tas-Salvatur *Christos Pantocrator* li kienet taħt ir-riħ tat-Torri tal-Bandiera; il-kappella ta' San Ġwann Battista, il-*Prodromos* (il-Prekursur), figura kważi obbligatorja fl-*iconostaseis*; u l-kappella ta' San Niklaw, *Hagios Nikolaos,* qaddis Grieg b'kult imxerred ħafna fost il-Griegi.

www.gozocathedral.org.mt

Cathedral Gift Shop

(taħt il-mina ż-żgħira)

Għal kotba u kartolini tal-Katidral u għal rigali ta' kwalità tad-ditta *Savina*

Miftuħ mit-Tnejn sas-Sibt mid-9.30 am sal-5.00 pm.

BOOKWORM

Books & Stationery

Republic Street, Victoria (ħdejn il-BOV)

Il-Fatti jitkellmu iktar mill-kliem.
Ejja ara l-varjeta' ta' items
li għandna
u l-prezzijiet li noffru.

Tel: 2155 6215, 2156 3328

Bookworm Stationery isir il-ħanut favorit tiegħek ukoll.



www.gozocathedral.org.mt

Ir-Rabat kien hemm il-knisja ta' San Ġorġ, *Hagios Georgios*, qaddis b'devozzjoni mill-aqwa fost il-Griegi. San Ġorġ sar popolari fil-Punent wara rakkont li kien deher iħares lill-Franki waqt il-battalja ta' Antijokja fis-sena 1098. Rakkonti oħra jorbtuh ukoll ma' battalji ta' Konti Ruġġieru I. Il-qima lejn San Ġorġ f'Modica, iċ-ċentru tal-kult tiegħu fi Sqallija, żviluppat fi żmien Ruggieru II u l-knisja ddedikata lilu Modica kienet żgur wieqfa fis-sena 1150.

Tnejn mill-persuni li jawtentikaw il-kopja tal-poeżija li qiegħda tiġi ppubblikata – kopja li hi bejn wieħed u ieħor ta' tmiem is-seklu tlettax, jiġifieri ta' żmien l-imsemmi testment – huma d-Djaknu Phillipos Gautes (li minnu nħoloq il-kunjom *Gauci*, il-*Għawdxi*) u n-Nutar Bartolomaios. It-tnejn jiffirmaw bil-Grieg.

L-awturi jagħtu diversi provi oħra tal-influwenza Griega mill-antroponomija, jew l-ismijiet tal-familji; mit-toponomija, l-ismijiet tal-postijiet; minn prattiċi liturġiċi; minn ħjiel arkitettoniku li kien jeżisti sekli ilu; u minn xhieda aġjografa.

Marija tielgħa s-sema mdawra mit-tnax-il appostlu waqt li qiegħda tnewwel iċ-ċintura lil San Tumas – wieħed mis-seba' inkwatri tal-polittiku antik tal-Matriċi [Mużew tal-Katidral].

7 • Konklużżjoni

Il-Knisja ta' Għawdex sas-sena 1250 – jikkonkludu tajjeb l-awturi – aktarx li kienet il-fulkru tal-ħajja Kristjana fl-arċipelagu Malti għax sas-sena 1241 f'Għawdex kienu joqogħdu 81% tal-Kristjani Maltin. Fis-sena 1250, l-Imperatur Federiku II ġiegħel lis-Saraċini jikkonvertu bil-forza. Il-Kristjani f'Malta saru maġġuranza u allura s-sede episkopali kienet trasferita, iżda l-isqof sadanittant beda jgħix Palermo.

Għalhekk jista' jkun li l-Knisja ta' Santa Marija fil-Belt ta' Għawdex tissejjaħ Matriċi b'mod konsistenti – *jinkonkludu tajjeb l-awturi tal-istudju* **– għaliex din il-Knisja kienet is-sede tal-isqof ta' Għawdex u ta' Malta fi żminijiet bikrin.**

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

JOSEPH BEZZINA – WINSTON L. ZAMMIT BA (HONS), MA, PGCE

700 TAZZA TAŻ-ŻEJT GĦAT-TOKK
ANNIVERSARJI TAL-FESTA TA' SANTA MARIJA

Nagħtu ħjiel fil-qosor ta' anniversarji marbuta mal-festa ta' Santa Marija fis-snin l-imgħoddija.

1710 • Tliet mitt sena ilu

It-tiġrija ta' Santa Marija nhar il-15 ta' Awwissu, 1710, saret bil-kbir bħas-soltu. Tliet mitt sena ilu, it-tiġrija swiet lilll-Università ta' Għawdex, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavalieri, is-somma ta' 31 skut, 7 irbgħajja, u 18-il ħabba. Sittin skut kienu paga ta' ħaddiem għal sena. Il-kont dettaljat ta' kif intefqu l-flus jinsab fl-atti tal-Università. L-ikbar nefqa, 4 skuti u 10 ħabbiet, kienet fix-xiri ta' drapp tal-ħarir b'disinn floreali fuqu. Spiża oħra konsiderevoli ta' 3 skuti, 6 irbgħajja, u 8 ħabbiet kienet għall-pilasti tal-injam li kienu jitħawlu matul it-triq kollha tal-korsa u fuq iż-żewġ naħat. Kienu jgħaddu ħabel minn pilastu għal ieħor minn ġo toqba n-naħa ta' fuq biex in-nies ma joħorġux f'nofs il-korsa huma u jtellqu l-bhejjem. Dawn il-pilastri baqgħu jintużaw sas-snin tmenin tas-seklu għoxrin (1980s). Bħas-soltu, it-tiġrija ta' Santa Marija ġibdet bhejjem u nies mhux biss minn Għawdex, iżda wkoll minn Malta (ara Arkivju Nazzjonali Għawdex, UG/01/10 (1709-1710) 29r).

Il-kont tat-tiġrija tal-bhejjem - 1710

1810 • Mitejn sena ilu

Malta u Għawdex għaddew taħt l-Ingliżi fil-5 ta' Settembru, 1800. It-tiġrija ta' Santa Marija baqgħet popolari fost il-Għawdxin u l-Maltin anki meta nbidlet it-tmexxija. Fir-reġistri ta' mitejn sena ilu tal-istess Università, hemm imniżżla diversi spejjeż li saru b'konnessjoni mat-Tiġrija: fosthom tiġdid, restawr, u żaba' tal-pilastri tal-korsa; xiri ta' pilastri ġodda; u t-tibjid tal-Barrakka, il-post fejn kien ikun hemm il-mistednin u minn fejn il-ġurija kienu jgħassu biex jitħarsu r-regolamenti tat-Tiġrija. Tliet mitt sena ilu, l-Università xtrat 300 tazza taż-żejt ġdida biex jitwaħħlu mal-faċċata tal-*Banca Giuratale* ħalli jinxtegħlu nhar l-14 u l-15 ta' Awwissu 1810. Fil-Pjazza tat-Tokk quddiem il-*Banca* kienet ukoll tintrama piramida kbira tal-injam b'400 tazza taż-żejt imdendlin magħha. Mhux ta' b'xejn li nkantaw *Għawdex kollu tbiddel f'ġenna*, għax it-Tokk, iċ-ċentru ta' Għawdex, kien verament jinbidel f'ġenna b'seba' mitt (700) tazza taż-żejt ipetptu (ara Arkivju Nazzjonali Għawdex, UG/01/188 : *Mandati* 13 (1801-1818) 587v-588r).

1860 • Mija u Ħamsin sena ilu

Għall-festa ta' Santa Marija ta' mija u ħamsin sena ilu, kellhom jitħaddmu tliet vapuri *shuttle* biex jaqdu l-folol li xtaqu jitilgħu Għawdex għall-festa. Hekku x'kitbet gazetta ta' dak iż-żmien: Per questa isola (Gozo), a comodo del tragitto, vi erano destinati tre vapori che fecero diverse gite modo con cui richiamarono moltissima gente a portarsi all'isola vicina. Il con-

www.gozocathedral.org.mt

ANTHONY'S FURNITURE

Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam

"Mater Dolorosa"
Grunju Street, Nadur, Gozo
Tel: 2155 2251, Fax: 2155 1279
Mob: 9944 6107



Il-kont tax-xiri ta' 300 tazza ġdida (1810).

corso pel Gozo era maggiore degli anni scorsi e la solennità ecclesiatica, la corsa, e l'illuminazione erano condotte con molta proprietà. Kienet nistgħu ngħidu festa mill-iktar perfetti li ma jonqosha xejn (ara *Il Messaggiere Popolare* (16 agosto 1866) 5).

1910 • Mitt sena ilu

Din is-sena il-festa tal-Assunzjoni tal-Madonna ċċelebrata fil-Knisja tal-Katidral saret b'solennità xejn inqas minn tas-soltu. Matul il-kwindiċina għamel id-diskorsi Dun Anton Grima.

Il-festa ta' ġewwa l-knisja saret bħas-soltu bi proprjetà u imponenza kbira. Monsinjur (Giovanni Maria Camilleri), isqof ta' Għawdex, mexxa l-Pontifikal u wara l-vanġelu għamel omelija wisq sabiħa. Il-Knisja kienet maħnuqa bin-nies. Għall-festa ta' barra ħaseb bħas-soltu il-Kumitat tal-Banda ta' Ljun li wera impenn kbir biex kollox jirnexxi kif jixraq lil din il-festa ewlenija tal-gżira. Pjazza Rjali kienet imżejna b'gost kbir. Irnexxiet ħafna l-illuminazzjoni u l-banda li semmejna daqqet programmi sbieħ (ara *Id-Devot ta' Marija* (Settembru 1910) 142-143).

1960 • Ħamsin sena ilu

Saret il-Wirja tal-Biedja u tas-Snajja ta' Santa Marija. Għal din il-wirja kien hemm l-E.T. il-Gvernatur Sir Guy Granham li qassam il-premjijiet u wieġeb għad-diskors li għamel l-Aġent Direttur tal-Agrikoltura, is-Sur J. Amato-Gauci. Kien hemm ukoll Lady Graham, il-Kav. J. Cassar, Kummissarju għal Għawdex, it-Tabib Anton Tabone, President tal-Kumitat Ċiviku ta' Għawdex u oħrajn (ara *Il-Berqa* (17 ta' Awwissu, 1960) 7).

Ir-reklam għall-vjaġġi speċjali għall-festa ta' Santa Marija (1860).

www.gozocathedral.org.mt

WINSTON L. ZAMMIT BA (HONS), MA, PGCE

IL-FESTA TA' SANTA MARIJA

Mid-dokumenti fl-Arkivju Nazzjonali u mill-gazzetti (1850 - 1857)

Waqt ir-riċerki li nagħmel regolarment fl-Arkivju Nazzjonali u f'xi gazzetti, iltqajt ma' tagħrif interessanti b'rabta mal-festa ta' Santa Marija fir-Rabat ta' Għawdex bejn is-snin 1850 u 1957.

1850 Fis-sena 1850, il-Kapitlu tal-Matriċi kiteb lill-Gvernatur Sir Richard More O'Ferrall, biex ifakkru li fl-okkażjoni tal-festa' ta' Santa Marija fil-15 ta' Awwissu, is-salut isir bil-kanuni u mhux bil-maskli.

Din it-talba tal-Kapitlu tal-Matriċi waslet il-Palazz fil-15 ta' Lulju, 1850, u ġiet sottomessa lill-Gvernatur fl-istess jum. Fl-istess jum ukoll, William Sim, l-Aġent Segretarju Prinċipali tal-Gvern, kiteb lill-Kapitlu tal-Matriċi f'isem il-Gvernatur. F'din l-ittra informa lill-kanonċi li skont *General Order* maħruġa fis-sena 1828, kellhom jintuzaw biss il-maskli fejn jidħol salut marbut ma' knejjes, u mhux kanuni, u kull maskla li tiġi sparata ma' kellhiex taqbeż il-piż ta' *2½ ounces of gunpowder,* uqitejn u nofs ta' porvli.

L-ittra tkompli tinforma lill-Kapitlu li l-Gvernatur ma kellux l-awtorità li jżid il-kwantità tal-porvli. Madanakollu, b'turija ta' solidarjetà mal-petizzjoni tal-Kapitlu, kien qatagħha li sejjer iħallas hu nnifsu biex tiżdied il-kwantità tal-porvli. Hekk is-salut isir kif kien jixtieq il-Kapitlu tal-Matriċi.[1]

Biex dan żgur iseħħ, fl-istess jum William Sim, l-Aġent Segretarju Prinċipali tal-Gvern, kiteb lill-Lwogotenent il-Kurunell C.M. Bayley. Infurmah li l-Kapitlu tal-Matriċi reġa' għamel it-talba biex is-salut f'Santa Marija isir bil-kanuni u mhux bil-maskli. Għaldaqstant, flimkien ma' din l-ittra, kien qiegħed jehmeż kopja tal-ittra li l-Gvernatur O'Ferrall kien bagħat lill-Kapitlu tal-Matriċi, wara li rċieva t-talba tagħhom. Hu kien mitlub jagħti l-ordnijiet biex ix-xewqa tal-Kapitlu sseħħ.[2]

1852 Dwar il-Festa ta' Santa Marija fis-sena 1852, insibu tagħrif fi tliet gazzetti lokali: *L'Ordine* (21-VIII-1852); *The Malta Times* (17-VIII-1852); u *The Malta Mail* (26-VIII-1852).

L'Ordine kitbet li f'Għawdex il-Kapitlu u l-kleru tal-Matriċi u l-popolazzjoni kollha, bil-ferħ tas-soltu u b'entużjażmu reliġjuż mill-aqwa, iċċelebraw il-festa tal-patruna tagħhom. Immens kien il-konkors tan-nies minn Malta. Nhar il-festa saru t-tiġrijiet taż-żwiemel, li kienu ta' pjaċir kbir għall-folla.[3]

The Malta Times tgħidilna li s-Sibt, 14 ta' Awwissu, lejlet Santa Marija, il-kwiet li ssoltu jsaltan fir-Rabat ta' Għawdex kien mitmum b'sorpriża min-numru straordinarju ta' nies li din is-sena ngħabru biex jaraw il-murtali u l-logħob tan-nar. 'Il-għada saru t-tiġrijiet taż-żwiemel.[4]

The Malta Mail tagħti rapport twil u dettaljat ħafna. Il-gazzetti tgħidilna, li meta s-Sibt, 14 ta' Awwissu, l-aħħar raġġi tax-xemx kienu sparixxew fil-punent tal-gżira, il-knisja Matriċi, l-uffiċċju tal-pulizija, u d-djar prinċipali tal-gżira kienu mixegħla waħda. In-numru ta' viżitaturi minn Malta kien tant kbir li l-lukandi ma kellhomx post għal kulħadd, bosta kellhom jibqgħu fit-toroq matul il-lejl.

Fl-għaxra ta' bil-lejl, kien hemm wirja kbira ta' logħob tan-nar, maħduma minn espert minn Birkirkara li s-servizzi tiegħu ġew mitlub għall-okkażjoni u kollox mar sewwa.

Il-gazzetta tidħol fid-dettall dwar il-mod kif kien imżejjen l-uffiċċju tal-pulizija fil-pjazza prinċipali. Taħt id-direzzjoni tal-*Kumitat tal-Mixegħla*, dan kien imżejjen bi kwantità ta' tazzi u liedna. Id-djar tal-abitanti fil-Pjazza kienu wkoll mixgħula. Tgħid ukoll li fuq il *Cafè di Commercio* kien hemm "an exquisite model of a speronara or trading boat".

Fit-Tokk daqqet banda mill-Belt Valletta, fil-waqt li fid-dar ta' Avukat famuż kien hemm kunċert vokali u strumentali. Il-gazzetta, tkompli r-rapport tagħha b'dan il-mod: "in fact to sum up the whole, Gozo and more particularly Rabat the chief town presented a shoal of stars, a sea of lamps, and one overwhelming blaze of lights with innumerable devices!"

Il-gazzetta tkompli wkoll tgħidilna li s-Sibt filgħodu (14 ta' Awwissu) saret bħas-soltu l-wirja ta' Santa Marija.

Nhar Santa Marija filgħodu saret il-

www.gozocathedral.org.mt

purċissjoni li tħabbret fil-bidu tagħha bl-isparar tal-kanuni mill-batterija taċ-Ċittadella. Fiha ħadu sehem il-kanonċi lebsin dekorazzjonijiet ċelesti. Wara, fil-knisja Matriċi kien hemm quddiesa solenni, li fiha ħadu sehem uħud mill-kantanti prinċipali tat-teatru ta' Malta, megħjuna minn xi dilettanti Għawdxin.

Fil-ħamsa ta' wara nofsinhar, il-paljijiet jew premjijiet tat-tiġrija tniżżlu bid-daqq tal-banda, għall-palk fejn kien hemm l-imħallfin tal-ġiri. It-tiġrijiet bdew fis-sitta ta' filgħaxija.[5]

1855 *The Malta Times* tibda bit-tagħrifa li din is-sena il-festa ta' Santa Marija ħabtet l-Erbgħa u li n-numru ta' viżitaturi minn Malta kien kbir ħafna. Lejlet il-festa kien hemm mixegħla kbira u ħafna logħob tan-nar.

Il-gazzetta tkompli tgħidilna li l-unika innovazzjoni ta' dik is-sena kienet il-Wirja Agrarja li ġiet organizzata mis-Socjetà Agrarja ta' Malta taħt l-awspiċji ta' Sir William Reid, Gvernatur, li bil-ġenerożità tiegħu tas-soltu u tal-Kumitat ta għotja sabiħa ta' flus. Il-parteċipazzjoni f'din il-wirja kienet miftuħa għal Għawdex biss, u bħal dik tal-Buskett f'Malta, hemm il-ħsieb li tibda ssir ta' kull sena.[6]

1856 *The Malta Times* tagħti rapport twil ħafna dwar il-festa ta' din is-sena meta kienet ħabtet il-Ġimgħa.

Il-gazzetta bdiet ir-rapport tagħha dwar il-festa b'kumment daqsxejn eżaġerat billi kitbet: "Last Friday being the Festival of the Assumption, all the world was to be found at Gozo. Never was there such a concourse of people assembled there on any preceding anniversary of Santa Marija."

Il-gazzetta tagħtina rapport dettaljat dwar il-mezzi tat-trasport li ntużaw biex wasslu lin-nies sa Għawdex. Għal jumejn qabel il-festa, l-isteam-tug *Dragon* kien impenjat igorr il-passiġġieri lejn Għawdex. Il-Ħamis, 14 ta' Awwissu fil-ħamsa ta' wara nofsinhar, l-streamer *Sovereign* telaq lejn Għawdex b'numru kbir ta' nies biex jaraw il-logħob tan-nar filgħaxija u l-purċissjoni u t-tiġrijiet l-għada. Il-vapur reġa' lura minn Għawdex l-għada, fit-tmienja ta' fil-għaxija meta spiċċa kollox.

Id-*Dragon* li għamel vjaġġ ieħor lejn Għawdex il-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu, filgħodu, ġieb lura diversi passiġġieri li, billi ma ħadux ikel magħhom, ma sabu xejn x'jieklu u għalhekk kellhom imorru lura Malta nofshom bil-ġuħ. Iżda skont rapporti li waslu lill-istess gazzetta, ir-raġuni għaliex dawn irritornaw lura ma kinitx kwistjoni tal-ikel, billi jingħad li kien hemm provvista adegwata, "iżda n-nuqqas ta' akkomodazzjoni".

Billi kien il-Ġimgħa ma' kienx hemm provvista ta' laħam, iżda filgħodu kien hemm kwantità diċenti ta' ħut frisk u matul il-jum kienu jinstabu bl-abbundanza għaġin ta' kull kwalità, butir, u ġobon. Il-ħobż kien skars f'għeluq il-festa u l-*istreamer* reġa' ntbagħat Malta biex iġib provvista ta' ħobż.

Il-gazzetta kkonkludiet ir-rapport tagħha billi stqarret li: "The festival was on the whole highly successful. The fireworks were good, the procession and churches well attended and the races went off without accident. The Gozitans reaped a little harvest from the advantage they had of the immense number of visitors from the elder sister island."[7]

1857 *L'Ordine* tgħidilna li l-festa ta' Santa Marija kienet aktar splendida u brillanti mis-soltu mħabba n-numru straodinarju ta' nies li marru lejn Għawdex, għal tlett ijiem konsekuttivi fuq it-tliet vapuri *Tillarney, Dragon*, u *Bulldog*.[8]

[1] *Letter* to the Chapter of the Collegiate Church Gozo (15 Jul 1856) 1 : NAM - Arkivju Nazzjonali Malta, CSG/04/23.
[2] *Letter* to Colonel Bayley (15 Jul 1850) 1, ibid.
[3] *L'Ordine* (21 Aug 1852).
[4] *The Malta Times* (17 Aug 1852).
[5] *The Malta Mail* (20 Aug 1852).
[6] *The Malta Times* (21 Aug 1855).
[7] *The Malta Times* (19 Aug 1856).
[8] *L'Ordine* (21 Aug 1857).

Din il-ħarġa ta' *Il-Għid tal-Assunta* ġiet tqum €3 il-kopja

Kun ġeneruż fl-offerta tiegħek

www.gozocathedral.org.mt

PAVALJUN GĦAL FUQ L-INKWATRU TITULARI



Hija xewqa li ilha tberren f'moħħ ħafna parruċċani tal-Katidral, li **l-inkwatru titulari tal-Assunta,** impitter minn Michele Busuttil fis-sena 1791 – inkwatru li jsebbaħ il-kor tal-Katidral tagħna – ikompli jiġi mżejjen b'sopraporta u pavaljun, disinn ta' Renzo Gauci. Mingħajr l-iċken dubju dawn ikomplu jagħtu dehra aktar maestuża lill-Katidral. Dan jixraq ħafna mhux biss għax dan l-inkwatru titulari huwa nkurunat, imma wkoll għaliex Santa Marija u l-Katidral tagħha jixirqilhom l-aħjar.

Billi fis-sena 2011 sejrin niċċelebraw it-300 sena mill-ftuħ tal-knisja Katidrali, ħsibna li tkun okkażjoni tajba li nagħmlu din l-opra maestuża. Hekk inkomplu ma'dak li għamlu ta'qabilna, inkomplu nżejnu d-dar ta' Alla u nagħtu ġieħ lil Santa Marija.

Billi l-Katidral jixraqlu l-aħjar, hija xewqa tagħna li din l-opra tinħadem fil-fidda biex tkun xierqa u dinjituża. Minkejja li dan huwa proġett ambizzjuż u li ser jiswa lill-parroċċa s-somma ta' madwar €50,000, aħna konvinti li bil-għajnuna ġeneruża ta' kulħadd jirnexxilna nagħmlu din l-opra.

Għalhekk nixtiequ nappellaw lil kull membru ta' din il-komunità parrokkjali sabiex jagħti s-sehem tiegħu ħalli din l-opra tkun tista' tit-wettaq. Ftit mingħand kulħadd iwassal biex din l-opra sabiħa ssir possibbli.

Grazzi!

L-ewwel ġabra li saret bieb bieb fit-toroq tal-parroċċa għal din l-opra telgħet għal iktar minn 12,000 ewro. Grazzi u nkomplu nkunu ġenerużi.

Agħti sehmek. Kun ġeneruż!

Nhar l-14 ta' Awwissu, 2011 jaħbat **it-tielet ċentinarju mill-ftuħ tal-Katidral**. Inkunu ġenerużi fl-offerti tagħna ħalli kemm **ir-restawr tal-faċċata tal-Katidral**, u kemm **l-opra tal-pavaljun tal-fidda fuq l-inkwatru titulari** jkunu lesti għaċ-ċentinarju.

www.gozocathedral.org.mt

30,000 SEGWEW IR-RADJU KATIDRAL ONLINE TV

90.90 FM STEREO

www.radjukatidral.com

Radju Katidral 90.90 FM Stereo għadu kif għalaq għaxar snin ta' transmissjonijiet. Kien ittrasmetta għall-ewwel darba nhar it-23 ta' Diċembru 1999.

Is-sena l-oħra **Radju Katidral • leħen il-Katidral f'darek** – żamm statistika ta' dawk kollha li mit-3 ta' Awwissu 2009 sal-15 ta' Awwissu 2009 segwew Radju Katidral ONLINE TV.

F'dawn il-ġranet kienu b'kollox 30,057 dawk li llinkjaw ma' Radju Katidral ONLINE TV. Mhux numru żgħir xħin tieħu f'kunsiderazzjoni n-numru tal-membri tal-parroċċa tagħna. Naturalment ifisser li kienu ħafna dawk barra mill-parroċċa u dawk barra minn pajjiżna li għamlu *link* mal-*website* tar-radju. Kif wieħed jistenna, l-ikbar numru ta' *links* saru nhar il-Għid tal-Assunta, 15 ta' Awwissu 2009. Dak inhar illinkjaw mas-sit ta' Radju Katidral ONLINE TV 10,315. Il-programm *Waslet il-Kbira* ta' lejlet il-festa kien segwit minn 'il fuq minn 7,000 telespettatur.

Din l-istatistika turi kif għat-tieni sena konsekuttiva Radju Katidral ONLINE TV kien ta' suċċess kbir. Dan is-suċċess hu rifless b'mod ċar minn dawn l-istatistiċi konvinċenti li huma ta' kuraġġ għal dawk kollha li b'tant sagrifiċċju personali jaħdmu biex dan is-servizz ta' Radju Katidral ONLINE TV seta' jsir possibbli.

Ix-xogħol isir totalment b'mod voluntarju, iżda l-apparat biex isir dan kollu jqum ħafna flus. Għalhekk waqt li ngħidulkom *Grazzi ħafna* tal-fiduċja u tal-interess tagħkom f'Radju Katidral u Radju Katidral ONLINE TV, nistednukom tkunu ġenerużi.

Agħmel id-donazzjoni tiegħek – anki jekk zgħira – mingħajr dewmien billi ssegwi l-istruzzjonijiet fuq:

http://www.radjukatidral.com/donations.html

Santa Marija mis-sema tpattilek żgur għall-gid li jista' joħroġ bid-donazzjoni tiegħek. Grazzi mill-ġdid.

Radju Katidral 90.90 Fm St
Leħen il-Katidral f'darek
10 SNIN TA' SERVIZZ

xikservices
Stefan Scicluna
Managing Director
GOZO BEST PROPERTIES
20A, Fortunato Mizzi Street, Victoria VCT 2571, Gozo - Malta
M: (+356) 79949357 T: (+356) 21565620 | 21566324 F: (+356) 27565620
E: info@xikservices.com
www.gozobestproperties.com

www.gozocathedral.org.mt

CARL SCERRI

IL-VELJA TA' SANTA MARIJA

Velja fil-Pjazza tal-Katidral. Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu 2009, l-Arċipriet Ġużepp Attard mexxa sahra ta' talb, tifħir, u kateketi f'ġieħ Santa Marija mtellgħa s-sema fil-Pjazza tal-Katidral bi tħejjija għas-solennità tal-15 ta' Awwissu. Ħadet sehem kongregazzjoni kbira li mliet il-pjazza armata għal tal-apposta. L-istatwa devota ta' Santa Marija nħarġet fil-bieb tal-knisja.

Is-sahra fetħet b'purċissjoni mit-tfal li offrew bukketti ta' fjuri, xemgħa, u inċens lill-Madonna f'isem il-komunità parrokkjali. Sar qari mill-Kotba Mqaddsa u kant ta' salmi u innijiet oħra. Animaw is-sahra l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*, u l-*Cathedral Youth Choir*.

L-organizzazzjoni nistgħu ngħidu li kienet perfetta u kienet esperjenza spiritwali mill-iktar profonda. Fit-tmiem, id-ditta Savina, parti mill-kumpanija ta' Magro Brothers, offriet biċċa qubbajt lil dawk kollha preżenti.

MARK FARRUGIA TA' LIPPU

Suppliers of Fresh Fruit and Vegetables

30, Fountain Street,
Victoria, Gozo
Tel: 2155-3327

www.gozocathedral.org.mt



www.gozocathedral.org.mt

Maximillian Grech twieled ir-Rabat, Għawdex, nhar is-7 ta' Ottubru 1985, minn Nicholas u Diana Grech, mill-parroċċa ta' Santa Marija fil-Katidral. Irċieva l-edukazzjoni primarja f'*St Francis School* tal-Belt Victoria, dik sekondarja fil-Liċeo Ninu Cremona, u dik post-sekondarja f'*Sir M'Anġ Refalo Centre for Further Studies* fil-Belt Victoria. Maximillian, għal dawk midħla tas-Soċjetà Filarmonika Leone hu eks-bandist u sas-sena 2003 kien idoqq klarinett.

Fis-sajf tal-2003 ressaq it-talba tiegħu lill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, dakinhar Isqof ta' Għawdex, sabiex jibda l-formazzjoni saċerdotali tiegħu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, talba li kienet aċċettata u f'Ottubru 2003 beda l-mixja tiegħu fis-Seminarju. Tul l-ewwel tliet snin ta' formazzjoni fis-seminarju għamel diversi esperjenzi pastorali f'diversi parroċċi f'Għawdex fosthom tal-Katidral, taż-Żebbuġ, ta' San Lawrenz, u tax-Xewkija.

Bejn Awwissu 2006 u Settembru 2007, għamel l-esperjenza tas-sena barra fid-Djoċesi ta' Torin, ġewwa l-Italja, ma. Dun Joe Galea, il-mibki kappillan tal-parroċċa tas-Santissima Trinità, fil-Belt ta' Nichelino. Dun Joe Galea kien miet f'din l-istess sena wara marda qasira li ħakmitu.

Lura Għawdex kompla l-istudju tiegħu tat-teoloġija fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Il-Hadd, 11 ta' Novembru 2007, kien aċċettat formalment flimkien ma' sħabu, mill-Isqof Mario Grech, bħala kandidat għall-ordinazzjoni djakonali u presbiterali fil-knisja Arċipretali ta' Għajnsielem. Il-Hadd, 24 ta' Frar 2008, kien istitwit *Lettur* fil-bażilka Kolleġjata tal-Għarb. Il-Hadd, 7 ta' Diċembru 2008, kien istitwit *Akkolitu* fil-knisja Parrokkjali ta' Kerċem. Kien ordnat Djaknu mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex nhar it-23 ta' Ġunju 2009. Tul dawn l-aħħar sentejn ta' formazzjoni fis-seminarju għamel esperjenza pastorali fil-parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir, Ta' Kerċem, fil-knisja Katidrali ta' Għawdex, u għal xi żmien fis-Santwarju ta' Marija Bambina, l-Isla, Malta.

Esperjenza unika bħala djaknu kienet dik li jħabbar, bil-kant, l-Evanġelju fil-quddiesa Pontifikali mmexxija mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI fuq il-Fosos tal-Furjana, nhar it-18 ta' April 2010 fl-okkażjoni tal-1950 mill-waslu ta' San Pawl f'pajjiżna.

Maximillian Grech kien ordnat presbiteru l-Hadd, 13 ta' Ġunju 2010, fil-knisja Katidrali tad-Djoċesi ta' Għawdex. Iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Radd il-Hajr lil Alla nhar is-Sibt, 7 ta' Awwissu 2010, fl-istess Knisja Katidrali. Wara s-sajf huwa mistenni jagħmel l-ewwel esperjenza bħala saċerdot fil-Parroċċa ta' Santa Luċija, Ruma, u fl-istess ħin jissokta l-istudji tiegħu fit-Teoloġija Fundamentali ġewwa l-*Pontificia Università Gregoriana*.

XI TFISSER TKUN SAĊERDOT?

Kull bniedem jagħmel minn kollox biex ikun ferħan. Jipprova jikseb dan il-ferħ b'kull mod possibbli sabiex jipprova jagħti sens u kulur lill-ħajja tiegħu u jneħħi l-vojt li hemm f'qalbu. X'inhi r-riċetta li jagħti Ġesù fil-vanġelu li tagħmel il-bniedem ferħan? Sempliċi, imma impenjattiva: *Hobb!* U kif tista' tħobb? L-ewwel u qabel kollox billi tiskopri l-imħabba li biha Hu ħabbna l-ewwel. Din hi il-vokazzjoni - *is-sejħa* - ta' kull bniedem: li tiskopri l-imħabba ta' Ġesù għalik biex imbagħad tirrikambjaha. Din l-iskopertà tikkonkretizza ruħha f'avventura unika u irrepetibbli: il-ħajja tagħna, il-ħajja tiegħi, b'mod partikolari fl-għażliet iż-żgħar u l-kbar li nagħmel ta' kuljum. Ngħid għalija, ippruvajt inwieġeb għas-sejħa tal-imħabba ta' Ġesù għalija billi nipprova nsegwih mill-qrib fit-triq tas-saċerdozju.

Min hu s-saċerdot? L-Ittra lil-Lhud tagħtina ħjiel meta tgħid li s-saċerdot hu *meħud minn fost il-bnedmin* – dan ifisser li hu wkoll bniedem u għalhekk, hu dak li jista' jagħder lil dawk li ma jafux jew jiżbaljaw, għax huwa stess imlibbes bid-dgħufija umana. Is-saċerdot *hu mqiegħed għall-bnedmin* – dan ifisser li hu ġie magħżul minn Alla mhux biex ikun sewwa hu, imma biex ikun għall-qadi tal-oħrajn, bħal Kristu li *ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi* Iżda dan il-qadi tas-saċerdot, tkompli tgħidlina l-Ittra lil-Lhud, għandu jkun *f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla*. Dan ifisser li s-saċerdot irid jaqdi l-ewwel u qabel kollox fl-affarijiet qaddisa, fejn jidħol l-akbar ġid tal-bniedem: ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Dan kollu s-saċerdot jgħixu f'għaqda ma' Kristu, li waħdu hu l-Qassis il-Kbir u ta' dejjem.

Li timxi wara l-Mulej u li tgħix skont is-sejħa tiegħu, kemm is-sejħa għaż-żwieġ, kemm il-ħajja tas-saċerdozju jew dik ikkonsagrata, m'hix ħaġa faċli: titlob minna impenn u sagrifiċċju. Ġesù stess tkellem ċar dwar dan ma' dawk li riedu jimxu warajh bis-serjetà. Ġesù ma jwegħidx kumditą, unuri, jew is-suċċessi tad-dinja. Jiggarantilna biss il-veru ferħ, il-paċi tal-qalb li xejn u ħadd ma jista' jagħtina.

Mane nobiscum Domine... Ibqa' magħna Mulej... Ibqa' miegħi Mulej... b'mod speċjali meta jaqa' d-dlam madwari, meta l-entużjażmu li nsegwik jonqos, meta l-orizzont jiċċajpar." Din hi t-talba tiegħi li nixtieq li takkumpanjani tul din il-missjoni l-ġdida tiegħi li ser nibda minn hawn u ftit ieħor, il-missjoni li nwassal lil Ġesù lill-oħrajn sabiex ngħinhom jiskopru huma wkoll x'jista' jagħmel il-Mulej jekk nisimgħu l-Kelma tiegħu u jekk nilqgħu l-imħabba li hu għandu lejna, u nħalluh isir il-Hajja tal-ħajja tagħna!

www.gozocathedral.org.mt

Ritratt: The Photoshop - Max Xuereb

It-Tfal tal-Ewwel Tqarbina • 6 ta' Ġunju 2010

Ritratt: Cordina Photo Studio - John Cordina

It-Tfal li rċevew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof • 3 ta' Ġunju 2010

IS-SEMINARISTA JOHN MEILAK • ORDNAT DJAKNU

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Ġunju 2010, John Meilak mill-parroċċa tal-Katidral kien ordnat djaknu mill-E.T.Mons. Mario Grech, flimkien ma' ħames seminaristi oħra.

John Meilak twieled nhar is-26 ta' Ġunju 1982, ir-Rabat-Għawdex, bin Publiju u Tarċisja Gauci. Huwa l-iżgħar wild fost erba' aħwa. Irċieva l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, ir-Rabat; u l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo Ninu Cremona. Kompla l-istudji post-sekondarji fis-*Sixth Form* Sir Mikelanġ Refalo ta' Għawdex. Fit-tmiem hu daħal is-Seminarju biex ikompli l-istudji Filosofiċi u Teoloġiċi għas-saċerdozju.

John daħal abbati l-Katidral fis-sena 1993. Bħala abbati u bħala seminarista, John kien membru fil-grupp tal-vokazzjonijiet u ħadem bl-ikbar effiċjenza biex iġib 'l quddiem dak kollu li jsir fil-Katidral. Mat-tmiem Fis-sena 2003, ma' tmiem l-istudji post-sekondarji, huwa għamel sena ta' esperjenza fil-parroċċa ta' *Saint Mary* f'Gosporth, l-Ingilterra. Lura Għawdex, hu daħal is-seminarju f'Settembru 2004 flimkien ma' ħames seminaristi oħra.

Is-sena intermedjarja f'nofs l-istudji tiegħu, bejn l-2007 u l-2008, għaddiha fil-parroċċa tan-Natività Ruma – sena li matulha studja l-liturġija fl-Università Pontifiċja ta' Sant'Anselmu. Din l-aħħar sena kien qiegħed iservi bħala seminarista fil-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem fejn huwa mistenni li jibqa' jservi anki matul din is-sena tad-Djakonat. Matul dan is-sajf sejjer jofri s-servizz tiegħu fil-parroċċa ta' Santa Katarina, Żejtun-Malta.

F'din l-okkażjoni, igħidilna John Meilak, niftakar f'dak li naqraw fl-Atti tal-Appostli (kapitlu 6) fejn tissemma l-għażla tal-ewwel seba' djakni: ġew magħżula sebat irġiel u wara li l-Appostli "talbu u qiegħdu jdejhom fuqhom," afdawlhom il-ministeru djakonali jiġifieri ministeru ta' qadi, ta' servizz fil-Knisja.

Qiegħed inkun ordnat djaknu biex nagħti sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi għall-ġid tal-kommunità. Nagħti s-servizz tiegħi bl-amministrazzjoni ta' xi sagramenti u bix-xandir tal-Kelma ta' Alla. Nagħti wkoll il-għajnuna tiegħi għall-bini tal-kommunità nisranija bis-servizz, bit-talb, u bl-eżempju.

Importanti ħafna li nħabrek għal dawk id-disposizzjonijiet meħtieġa biex is-servizz tiegħi jkun jogħġob 'l Alla u jkun ta' ġid għall-poplu tiegħu. Fost dawn id-disposizzjonijiet hemm ir-rabta mal-Isqof tagħna, il-ġenerożità għas-salvazzjoni tal-erwieħ, u l-fedeltà fil-konsagrazzjoni tiegħi lil Alla.

Għalhekk nixtieq li din il-kommunità tal-Katidral tiftakar fija u fi sħabi fit-talb biex tingħata lilna l-grazzja meħtieġa marbuta mall-ministeri tad-djakonat.

www.gozocathedral.org.mt

Carl Scerri

IL-GRUPP TAL-ABBATINI U TAL-VOKAZZJONIJIET

"Skond il-ħsieb ta' Alla, kull bniedem jitwieled biex jiżviluppa ruħu, għax il-ħajja ta' kull bniedem hija destinata minn Alla għal xi missjoni". Hu b'dawn il-kelmiet, li l-Papa Pawlu VI jiddeskrivi ħajjet il-bniedem fl-enċiklika tiegħu *Populorum Progressio*.

Kull ħajja għandha quddiemha missjoni x'taqdi, missjoni li ma tiġix mix-xewqat u l-ideat tal-bniedem, imma minn Alla. Ħafna jħarsu lejn is-sejħa li Alla jagħmel lil kull wieħed minna bħala sejħa li tpoġġi sarima fuq il-libertà umana. Iżda kif jippreċiża l-Papa Pawlu VI, il-missjoni li Alla jafdalna "tagħtina l-vera idea tal-ħajja tal-bniedem". Kull sejħa li Alla jagħmel, hija sejħa ta' mħabba, u l-bniedem maħbub għandu tabilħaqq il-vera idea tal-ħajja. Alla, illi jħobbna bi mħabba għamja, mhux talli ma jċaħħadniex mil-libertà, imma jieħu r-riskju li jagħti lilna, bnedmin dgħajfa, li nagħżlu. Jagħtina ċ-ċans biex inwieġbu lura għas-sejħa li hu jagħmlilna.

Il-grupp tal-abbatini u l-vokazzjonijiet tagħna jgħinna ħalli nagħrfu l-missjoni li Alla qiegħed jafdalna, u jgħinna nwieġbu għas-sejħa ta' Alla. Biex jintlaħaq da il-għan, il-Grupp tal-Vokazzjonijiet jorganizza ħafna attivitajiet matul is-sena. Żewġ laqgħat ta' xeħta spiritwali huma ż-żewġ irtiri li norganizzaw: l-ewwel wieħed fl-Avvent fid-dar tal-Patrijiet Franġiskani, Għajnsielem; it-tieni, fir-Randan f'Dar Porzjunkola, Baħar iċ-Ċagħaq. Matulhom nieqfu mir-rutina u nirriflettu x'inhi s-sejħa li Alla qiegħed jagħmlilna. Hekk tinħoloq fina art fertili għall-vokazzjoni li għaliha Alla qiegħed isejħilna.

Il-vokazzjoni ma tolqotx biss id-dimensjoni spiritwali tal-bniedem, imma t-totalità tiegħu. L-attivitajiet tagħna għalhekk m'humiex biss ta' natura spiritwali. Fost dawn insemmi l-wirja *L-Ikla tal-Mulej* li nagħmlu fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira fil-kappella ta' Santa Barbara. Din tfisser ħafna xogħol, iżda tgħin lil kull membru joħroġ il-kwalitajiet tiegħu. Attività oħra hi l-*live-in* illi nagħmlu Malta matul is-sajf numru ta' ħarġiet kulturali.

Nirringrazzja, f'isem il-grupp tal-vokazzjonijiet, lill-parruċċani tal-Katidral għall-imħabba li juru ma' dan il-grupp l-iktar fl-attivitajiet ta' *fund-raising*.

Il-missjoni li Alla jafdalna teħtieġ żvilupp kontinwu, żvilupp li jwassalna biex nagħrfu l-missjoni li Alla qiegħed isejħilna għaliha u hekk ngħixu l-vokazzjoni b'mod sħiħ fil-ħajja ta' kuljum. Nistednukom tiftakru fina fit-talb tagħkom biex bħal Ommna Marija Assunta, aħna nkunu lesti ngħidu dik l-*Iva* sħiħa tagħna għat-triq li Alla qed isejħilna għaliha. Il-festa t-tajba.



www.gozocathedral.org.mt

JOSEPH BEZZINA

DUN FRANĠISK SALIBA

ĦAMSIN SENA SAĊERDOT · BENEFATTUR KBIR TAL-KATIDRAL

Franġisk Saliba, bin Karmnu u Marija Tewma, twieled ir-Rabat-Għawdex nhar il-21 ta' Novembru, 1934.

Wara l-istudji tiegħu primarji u sekondarji beda l-mixja għas-saċerdozju f'Ottubru tas-sena 1953, meta beda l-formazzjoni u l-istudji tiegħu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù.

Fi tmiem l-istudji tiegħu, hu u t-tliet sħabu kienu ordnati qassisin mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, fil-Katidral ta' Għawdex nhar it-2 ta' April 1960, *Sabato Sitientis*, is-Sibt li jiġi ħmistax qabel l-Għid il-Kbir.

Hu għamel l-ewwel quddiesa solenni fl-istess Katidral ta' Santa Marija nhar il-24 ta' April 1960. Niseġ il-panieġirku tal-okkażjoni il-poeta Għawdxi Patri Mattew Sultana, kapuċċin.

Dun Franġisk għamel għaxar snin sħaħ iservi l-Katidral bħala kappillan tal-Kor u bħala konfessur. Nhar il-11 ta' Lulju 1970, hu telaq lejn l-Istati Uniti tal-Amerika u kompla l-ħidma pastorali tiegħu f'diversi parroċċi tad-djoċesi ta' Brooklyn, New York. Hawnhekk ħadem bla heda speċjalment fost komunitajiet Taljani.
Dwar din l-esperjenza tas-safar, Dun Frangisk jistqarr li "s-snin li tagħmel is-safar jimmaturawk ħafna u jagħmlulek ħafna ġid. L-importanti hu li wieħed jibqa' dejjem iżomm f'moħħu li hu saċerdot u li allura għandu dejjem iħares id-dinjità u l-obbligi li jġib miegħu dan l-istat."

Wara kważi sittax-il sena imsiefer, Dun Franġisk irritorna Għawdex nhar it-12 ta' Frar 1986. Hu kompla l-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa tal-Katidral u f'diversi knejjes oħra ta' Għawdex. Ta' kuljum jgħaddi sigħat twal fil-konfessjunarju f'diversi knejjes ta' Għawdex jamministra s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Dun Franġisk, ħaġa li ftit jafuha u li kien mingħalih ma kontx insemmiha, hu benefattur insinji tal-Knisja Katidrali. Hu ħareġ nofs l-ispejjeż tal-qanpiena fustanija, il-qanpiena tan-nofs, li fil-fatt issemmiet Josepha-Francesca. Kien hu li ħallas għas-sitt pissidijiet tal-fidda li jintużaw il-Katidral waqt it-Tqarbin. Matul is-snin irregala madwar erbgħin pjaneta lill-Katidral.

Hu fakkar il-ħamsin sena saċerdozju b'quddiesa solenni l-Katidral il-Ħadd, 11 ta' April 2010. *Nawgurawlu u rroddulu ħajr tal-ġenerożità tiegħu.*

www.gozocathedral.org.mt

CARL SCERRI

NIFIRĦU LIL...

Monsinjur Anton Refalo li nhar is-7 ta' Marzu 2010 ħa l-pussess ta' Kanonku Kuġitur tal-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex bit-titlu ta' Monsinjur.

Dun Anton twieled ix-Xagħra nhar il-11 ta' Settembru 1943 u huwa l-ħames wild fost tlettax-il tifel u tifla ta' Nazzareno Refalo u Marija Zammit. Anton beda l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tax-Xagħra minn fejn għadda għas-Seminarju Minuri għall-edukazzjoni Sekondarja tiegħu. F'Settembru 1961, daħal is-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù u beda l-istudji tiegħu għas-saċerdozju.

E.T. Mons. Nikol-Ġużeppi Cauchi, Amministratur Appostoliku għal Għawdex, ordnah qassis nhar il-11 ta' Mejju 1968. Dritt wara, hu mar Ruma fuq xogħol pastorali fil-Parroċċa tat-Trasfigurazzjoni fil-kwartier ta' Monteverde. Dam hemm tlettax-il sena jaħdem speċjalment fost iż-żgħażagħ li fih sabu ħabib u rifuġju.

Lura x-Xagħra, inħatar kanonku tal-Kapitlu Kolleġġjali u laħaq il-Kantur, post li jokkupa sal-ħatra tiegħu bħala monsinjur. L-esperjenza ta' Ruma ġabha miegħu u ntefa' b'ruħu u ġismu għall-appostolat fost iż-żgħażagħ ta' raħal twelidu. L-Azzjoni Kattolika, sezzjoni Irġiel, kienet dak iż-żmien intemmet. Hu għalhekk ħa f'idejh il-lokal tagħha u ngħata l-permess jifthu bħala ċ-ċirklu taż-żgħażagħ. Ġabar hemm ħafna miż-żgħażagħ tax-Xagħra.

Monsinjur Salvu Muscat li nhar l-14 ta' Marzu 2010 ħa l-pussess ta' Kanonku Kuġitur tal-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex bit-titlu ta' Monsinjur.

Salvu Muscat twieled in-Nadur nhar it-18 ta' Awwissu 1941 minn Pawlu u Marija Assunta Portelli u kien mgħammed l-għada fil-Kolleġġjata tan-Nadur. Beda l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola Primarja tan-Nadur u minn hemm għadda għall-Kulleġġ ta' Sant'Antnin l-Imġarr, Għawdex. Kompla jistudja fis-Seminarju u aktar tard daħal fis-Seminarju Maġġuri fi triqtu lejn is-saċerdozju.

L-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, ordnah qassis fil-Katidral nhar it-30 ta' April 1966. Qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Kolleġġjata tan-Nadur nhar il-5 ta' Ġunju tal-istess sena. Għamillu l-paniġierku Patri Feliċjan Bilocca, Kapuċċin. Dun Salv ta s-servizz tiegħu fid-djoċesi bħala Segretarju tal-Mezzi tal-Komunikazzoni Soċjali u għal diversi snin bħala editur tal-perjodiku *Il-Ħajja f'Għawdex*. Ħadem ukoll bla waqfien fil-parroċċa ta' raħal twelidu. Beda x-xogħol pastorali tiegħu fi żmien il-parrokkat tal-arċipriet Mons. Mikiel Portelli bħala Vigarju Parrokjali, kariga li okkuppa sal-1982.

L-E.T. Mons. Nikol Ġ. Ċauchi, Isqof ta' Għawdex, għażlu suċċessur tal-arċipriet Portelli. Hu ħa l-pussess tal-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, nhar it-2 ta' Jannar 1983.

E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, aċċetta r-riżenja tiegħu minn arċipriet nhar l-1 ta' Frar 2010 u ħatar lil Mons. Jimmy Xerri bħala suċċessur tiegħu. Mar-riżenja tiegħu, Mons. Muscat inħatar Kanonku Onorarju tal-Kapitlu tan-Nadur u Monsinjur Kuġitur tal-Kapitlu Katidrali. Illum huwa jaqdi d-dmirijiet tiegħu saċerdotali kemm bħala Monsinjur tal-Katidral, kemm fil-parroċċa tan-Nadur.

Monsinjur Franġisk Debrincat li nhar it-2 ta' April 2010 għalaq ħamsin sena qassis.

Franġisk Debrincat twieled il-Munxar fit-18 ta' April 1934. Studja fis-Seminarju tal-Qalb

www.gozocathedral.org.mt

ta' Ġesù u kien ordnat saċerdot fit-2 ta' April 1960, is-sena taċ-ċentinarju Pawlin, mill-Isqof Ġużeppi Pace. Għamel żmien prefett tas-seminaristi u għalliem fis-Seminarju Minuri. Fis-sena 1966 inħatar viċi-parroku tal-parroċċa ta' Santa Margerita Verġni u Martri, Ta' Sannat. Dam hemm sas-sena 1973.

Nhar l- 4 ta' Awwissu 1973, festa liturġika ta' San Ġwanni-Marija Vianney, l-Isqof Nikol Cauchi għażlu kappillan tal-parroċċa ta' San Girgor il-Kbir u Madonna tas-Sokkors, Ta' Kerċem. Dam kappillan sas-sena 2004. Ħa l-pussess ta' monsinjur kuġitur tal-Kapitlu Katidrali nhar l-24 ta' Ottubru 2004. Kien l-ewwel koadjutur ta' Mons. Tumas Curmi u sar monsinjur effettiv nhar l-24 ta' Lulju 2005.

Monsinjur Debrincat huwa impenjat fil-Leġjun ta' Marija u huwa Assistent Ekkleżjastiku tal-fergħa tal-Azzjoni Kattolika tan-nisa. Huwa wieħed mill-fundaturi tal-*Moviment Ewkaristiku Għawdxi* u għadu attiv fih. Barra dan, jaqdi d-dmir ta' konfessur kważi fil-kunventi kollha tas-sorijiet hawn Għawdex.

Dun Marċell Tabone, qassis mill-Parroċċa tal-Katidral li jaħdem l-Istati Uniti tal-Amerika, li għalaq ħamsa u għoxrin sena qassis nhar it-22 ta' Ġunju 2010.

Dun Marċell twieled ir-Rabat, Għawdex bin Ġorġ u Ġużeppa Said, fl-14 ta' Ottubru 1959. Kien ordnat qassis nhar it-22 ta' Ġunju 1985. Fis-17 ta' Settembru tal-istess sena beda l-esperjenza pastorali tiegħu f'New York, l-Istati Uniti tal-Amerika, ma' Dun Franġisk Saliba, it-tnejn mill-parroċċa tagħna.

Fis-sena 1986, Dun Marċell ingħaqad mad-djoċesi ta' Camden fl-Istat ta' New Jersey u inkardina ruħu ma' din id-djoċesi. Bejn is-snin 1985 u 2007, Dun Marċell serva fi tmien parroċċi: *St James,* Woodbridge; *Our Lady Star of the Sea,* Atlantic City; *St Martin de Porres* u *Blessed Sacrament,* Hammoton; *Christ the King,* Haddonfield; *Annunciation of the Blessed Virgin Mary,* Bellmawr; *Holy Family,* Sewell; u *St Joseph,* Sea Isle City.

Tul is-snin li ħadem f'dawn il-parroċċi, Dun Marċell ta l-kontribut tiegħu f'diversi realtajiet parrokkjali u pastorali. Sa minn meta beda l-esperjenza pastorali tiegħu fl-Istati Uniti, hu ma waqaf qatt japprofondixxi u jitħarreġ fl-aspett akkademiku. Mis-sena 2007, hu intefa' aktar fuq xogħol post-dottorali fil-psikoloġija klinika biex ikun jista' jikseb liċenzja ta' *Clinical Psychologist.*

ABBATINI MILL-KATIDRAL GĦALL-VATIKAN

Mario Bonnici telaq mill-Katidral għall-Vatikan nhar is-7 ta' Awwissu 2008. Hekku x'kitbilna.

Ilni ħames snin abbati l-Katidral u x-xewqa tiegħi minn dejjem kienet li xi darba nkun nista' mmur inservi bħala abbati fil-Bażilika ta' San Pietru fil- Vatikan.

F'Jannar 2008 bdejt nattendi għal-laqgħat ta' preparazzjoni li jsiru ta' kull sena fis-Seminarju. B'kollox konna madwar tletin abbati mill-parroċċi kollha ta' Għawdex. Il-laqgħat kienu jsiru ta' kull nhar ta' Sibt filgħodu. L-eżami sar fil-bidu ta' Marzu u tgħidx kemm fraħt meta ġimgħa wara rċevejt ir-riżultat u sibt li kont wieħed mill-erba' abbatini magħżula. Il-laqgħat komplew Malta.

Fil-Belt tal-Vatikan konna noqogħdu fil-Pre-Seminarju San Piju X. Kif wasalna dawruna l-Bażilika u l-kripta u wrewna l-altari li fuqhom konna ser nagħtu servizz fil-ġimagħtejn ta' wara. Fil-għodu konna nqumu fis-sitta u kwart u dlonk lejn il-Bażilika. Qabel jibdew deħlin in-nies u l-qassisin konna nippreparaw l-altari billi nixegħlu x-xemgħat u nħejju l-paramenti sagri.

Il-Bażilika tiftaħ fis-sebgħa u dlonk nibdew nghinu l-quddies. Kienet l-hena tiegħi niltaqa' ma' pellegrini minn kull rokna tad-dinja. Wara s-servizz, konna nmorru lura l-Pre-Seminarju u noħorgu dawra mal-pjazez u l-knejjes ta' Ruma. Żorna ħafna postijiet u dorna l-ġonna meraviljużi tal-Vatikan. Attendejna wkoll udjenza mal-Papa f'Kastell Gandolfo. Lejlet u nhar Santa Marija ħadna sehem fil-kant tal-Għasar u tal-Lawdi.

L-isbaħ ġurnata kienet nhar is-16 ta' Awwissu meta l-Kardinal Angelo Comastri mexxa l-vestizzjoni ġewwa l-Kor sabiħ ta' San Pietru (ara ritratt). B'tifkira, aħna l-abbatini tajnieh statwa ta' San Pawl b'rigal.

Din hi esperjenza li tiġi darba waħda biss f'ħajja ta' bniedem u għalhekk nibqa' ngħożżha ħajti kollha.

Matthew Azzopardi telaq mill-Katidral għall-Vatikan nhar is-7 ta' Awwissu 2009. Miegħu kien hemm Luke Grech mill-parroċċa tal-Katidral ukoll iżda li jservi l-Kapuċċini. Hekku x'kitbilna Matthew.

Konna grupp ta' dsatax, erba' Għawdxin u l-bqija Maltin. Kif wasalna l-Vatikan, Monsinjur Frans Bonnici, li kien jieħu ħsiebna dawwarna mal-Bażilika u qassmilna x-xogħol.

Tul il-qagħda tiegħi fil-Vatikan kelli diversi esperjenzi sbieħ. Kull fil-għodu, għall-ħabta tas-sitta u nofs, kont inkun l-Bażilika: nixgħel ix-xemgħa fuq l-altari, inlesti l-kalċijiet, nipprepara l-impulozzi, u nagħmel kulma kien hemm bżonn. Meta jibdew deħlin l-qassisin konna nkunu pronti biex ngħinuhom jilbsu u noħorgu magħhom għall-quddiesa. Ħafna minnhom kienu stranġieri bħalna għal btala. Kelli esperjenza unika ngħin quddiesa bir-rit Tridentin bil-Latin. Esperjenza oħra kienet meta qaddes bil-Malti Dun Michael Curmi . Aħna l-erba' Għawdxin ħadna sehem f'din il-quddiesa. Kelli x-xorti wkoll ngħin liċ-ċeremonier tal-Papa Ġwanni-Pawlu II.

Kont nitbissem meta ngħaddi minn ħdejn is-*Swiss Guards* fejn id-daħla tal-Bażilika u dawn kienu jiddrittaw u jsellmuli b'idhom qisni xi ras kbira!

KRONAKA

www.gozodiocese.org.mt

Paul Cassar
Membru *Ghaqda Qniepen Assunzjonisti*

DAWK LI JDOQQU L-QNIEPEN, MALTEMP U BNAZZI

Għaddiet sena oħra ta' tlugħ u nżul, ta' ħidma u inizjattiva, ta' storja li ma tagħmilx għajb lis-snin imgħoddija. Ikun fieragħ għalina jekk aħna nqisu lil Santa Marija u l-Katidral tagħha bħal kapitlu fi ktieb li wara li jgħaddi ħinu jintesa fil-memorja tal-qarrej. Għalhekk huwa fattur fundamentali għalina l-insara ta' din il-parroċċa li nużaw dawn iċ-ċelebrazzjonijiet festivi bħala mezz ta' tisħiħ tal-valuri nsara li jsostnuna u jsaħħuna.

L-*Għaqda* tagħna (AD 1997) nista' nxebbaħha ma' dik id-dgħajsa li tofroq kull baħar u tegħleb kull mewġa. Mingħajr taħbit, il-bniedem ma jissaħħaħx u għalhekk is-sitwazzjonijiet diffiċli juru l-veru sajjieda li jkomplu jaqdfu 'il quddiem b'determinazzjoni u kuraġġ. Il-qawsalla mlewna li tfeġġ u tisboq is-sema mudlam għandha tkun bħal id li tiggwidana f'kull diffikultà. Dan il-kliem japplika partikularment mhux biss għall-għaqda tagħna li tħaddan il-valuri tal-ħbiberija u d-dedikazzjoni, imma għal dawk kollha li jfittxu l-ġid tal-proxxmu u tal-komunità li jgħixu fiha.

B'wiċċna minn quddiem għandi s-sodisfazzjon ngħid li l-*Għaqda* kompliet tissaħħaħ b'membri 'veterani' u b'oħrajn ġodda li lkoll għandhom l-interess li jipprovu u jsaħħu lill-parroċċa. L-*Għaqda* titlob impenn u sagrifiċċju. Id-daqq solenni tal-qniepen kollha jsir mill-quċċata tal-kampnar kemm fil-maltemp kemm fil-bnazzi. Il-qniepen qegħdin hemm mhux biss għall-estetika, iżda wkoll għas-servizz kontinwu li jitolbu ċ-ċelebrazzjonijiet fil-Katidral tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Mhux l-iskop tiegħi li napplawdi jew infaħħar ix-xogħol li nagħmlu aħna tal-*Għaqda Qniepen Assunzjonisti*, imma nixtieq li jisaħħaħ l-apprezzament lejn dan il-grupp ta' voluntiera dedikati li jħallu impenji oħra biex jagħtu s-servizz tagħhom fil-kampnar maestuż tal-Katidral ta' Santa Marija Assunta.

Id-daqq tal-qniepen huwa wieħed mill-fatturi importanti fil-karattru tal-festa tagħna li flimkien mal-elementi l-oħra jwassluna iktar lejn Ommna Marija Santissima Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem.

Nawgura li nkunu kapaċi nixbhu lil Marija fl-umiltà u l-ubbidjenza tagħha. Inħalluha ssaħħaħ u ġġedded l-għaqda ta' bejnietna u d-determinazzjoni biex negħlbu kull tfixkil.

(Ikompli mill-paġna ta' qabel)

Għalkemm nhar Santa Marija kont imbiegħed mill-Katidral, ħadt gost xorta bil-pontifikal solenni akkumpanjat mill-kant Gregorjan. U għall-ewwel Għasar u Lawdi ma kienx hemm fejn taqa' labra.

Nhar Santa Marija ħadna veru gost meta ċemplilna l-Isqof Mario Grech u kellem lilna l-Għawdxin. Apprezzajna ħafna dan il-ġest għaliex nafu kemm ikun imħabbat nhar Santa Marija.

Matul il-ħmistax li konna Ruma żorna ħafna postijiet. Morna wkoll għall-udjenza tal-Papa f'Kastell Gandolfo u l-Papa sellmilna bħala *i chierichetti da Malta*.

Il-ħmistax-il ġurnata taru, imma l-memorja tagħhom jibqgħu mnaqqxin f'qalbi. Is-servizz li ilni nagħti bħala abbati fil-Katidral għinni biex din il-qagħda tiegħi l-Vatikan tkun iktar sabiħa. Dan hu frott ta' dawk li fil-Katidral b'tant dedikazzjoni u paċenzja jħarrġuna ħalli nagħtu servizz eżemplari u mill-aħjar.

www.gozocathedral.org.mt

MASSIMO BUTTIGIEG

DJARJU TAL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL

1 ta' Lulju, 2009 - 30 ta' Ġunju, 2010

Lulju 2009

01 Quddiesa tad-*Disa' Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Renato Borg.

08 Quddiesa tal-*Għaxar Erbgħa* ta' Santa Marija mill-Kan Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali.

12 Ħarġu għall-bejgħ souvenirs ġodda tal-Katidral u ta' Santa Marija.

13 *High Tea* b'risq il-Parroċċa fid-*Down Town* Hotel.

14 Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa ċċelebrata fil-kappella ta' Sant'Anna, id-Dwejra, u bibita fil-Qbajjar Restaurant, Marsalforn. Saret wkoll żjara lill-fabbrika ta' Magro Brothers fix-Xewkija fl-okkażjoni tal-75 anniversarju.

15 Quddiesa tal-*Ħdax-il Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Anton Teuma.

22 Quddiesa tat-*Tnax-il Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Anton Teuma. Ingħata bidu għall-ġbir mid-djar b'risq il-festa interna ta' Santa Marija.

26 Tqassam il-programm tal-festi solenni f'ġieħ Santa Marija, Patruna Speċjali ta' Malta u Għawdex.

29 Quddiesa tat-*Tlettax-il Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Anton Teuma.

31 Bidu għall-Kwindiċina ta' Santa Marija. Jum l-Emigranti. Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Kienu amministrati s-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u tal-Konfermazzjoni lil xi tfal tal-emigranti.
Sar kunċert dwar l-Assedju ta' Għawdex fuq il-Bastjun ta' San Mikiel, iċ-Ċittadella, taħt il-patroċinju tal-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta.

Awwissu 2009

01 Jum il-Familja. Quddiesa tat-II jum tal-Kwindiċina minn Patri Martin Micallef OFM Cap bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Attednew il-koppji li żżewġu matul dik l-aħħar sena u dawk li qegħdin jiċċelebraw l-10, l-20, il-25, it-30, l-40, u l-50 anniversarju taż-żwieġ tagħhom. Wara, sar BBQ tal-Festa mill-Vampa Organisations.

02 Ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija min-niċċa fost il-kant ta' innijiet marjani. Dun George Mercieca qara l-poeżija bl-isem *Fejn int sejra?*
Jum l-Għaqdiet Reliġjużi tal-parroċċa. Quddiesa tat-III jum tal-kwindiċina minn Patri Martin Micallef. Attendew il-membri tal-Azzjoni Kattolika, tal-Leġjun ta' Marija, tal-Museum, tal-Grupp Padre Pio, tal-Lectio Divina, tal-Mixja NeoKatekumenali, tal-Kariżmatiċi, u tal-Moviment Ewkaristiku Għawdxi. Anima l-quddiesa il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis.*

03 Jum il-Ġenerożità. Quddiesa tar-IV jum tal-Kwindiċina minn Patri Martin Micallef, bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis.* Attednew persuni bi bżonnijiet speċjali f'Dar Arka flimkien mal-voluntiera li jgħinu fl-Istituti tal-Karità tad-Djoċesi. Il-parroċċa offriet donazzjoni lill-Fundazzjoni Arka. Wara kien organizzat party għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

04 *Coffee Morning* b'risq il-Parroċċa fil-Każin tal-Banda Leone.
Jum it-Tfal. Quddiesa tal-V jum tal-Kwindicina minn Dun Richard N. Farrugia, saċerdot novell, bis-sehem il-*Cathedral Youth Choir*. Saret il-premjazzjoni tal-aħjar żewġ studenti minn kull ċentru tad-duttrina. Wara saret attività għat-tfal fil-Pjazza tal-Katidral.

05 Jum il-Morda u l-Anzjani. Filgħodu, saru żjarat lill-morda u l-anzjani rikoverati fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fil-kliniċi privati. Filgħaxija ċelebrazzjoni tas-VI jum tal-Kwindiċina minn Dun Anthony Bajada, saċerdot novell, bis-sehem tal-anzjani. Kien amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani u wara sar party għalihom. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

06 Jum il-Parroċċa tal-Katidral u s-Soċjetà Filarmonika Leone. Quddiesa tas-VII jum tal-Kwindiċina mill-Arċipriet Ġużepp Attard bis-sehem tal-Banda Ċittadina Leone, il-*Chorus Ecclesiase Cathedralis*, u l-*Cathedral Youth Choir*. Wara, marċ mill-

www.gozocathedral.org.mt

Pjazza tal-Katidral sa Pjazza Savina fejn kien esegwit programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Colin Attard. Fit-tmiem indaqq l-innu immortali *Per la festa di Maria Assunta in Cielo*.

07 It-VIII jum tal-Kwindiċina. L-Arċipriet Ġużepp Attard mexxa **Vejla ta' talb, tifħir, u katekeżi** f'ġieħ Santa Marija mtellgħa s-sema bi tħejjija għas-solennità tal-15 ta' Awwissu bis-sehem tal-komunità parrokkjali kollha u dawk involuti fl-organizzazzjoni tal-festa. Animaw il-liturġija il-*Chorus Ecclesiase Cathedralis*, u l-*Cathedral Youth Choir*.

08 Jum l-Abbatini u l-Vokazzjonijiet. Quddiesa tad-IX jum tal-Kwindicina mill-Kan Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali, bl -omelija mid-Djaknu Rev. Maximillian Grech, bis-sehem il-*Cathedral Youth Choir*. Saret il-vestizzjoni tal-abbatini l-ġodda tal-paroċċa.

09 Quddies taż-żgħażagħ minn Patri Marcello Ghirlando OFM bis-sehem tal-*Cathedral Youth Choir*. Ħadu sehem il-players u s-supporters ta' l-*SK Victoria Wanderers* u l-*Oratory Youths*. Il-parroċċa ppreżentat tmien trophies lill-aħjar players tas-sena tal -*SK Victoria Wanderers* u trophy lil rappreżentant tal-*Oratory Youth*. Saret ġabra b'risq il-missjoni ta' Dun Anton Grech fil-Gwatemala.

Quddiesa tal-X jum tal-Kwindiċina mill-Arċipriet Carmelo Refalo tax-Xagħra bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Attednew il-ġenituri li għammdu lit-trabi matul din l-aħħar sena u fit- tmiem kienu ppreżentati lil Santa Marija. Wara saret l-ikla tradizzjonali tal-festa fil-Pjazza tal-Katidral.

10 Jum il-Benefatturi Ħajjin u Mejtin. Quddiesa tal-XI jum skont l-intenzjonijiet tal-benefatturi ħajjin u b'suffraġju tal-benefatturi u l-parruċċani li mietu matul l-aħħar sena. Tmexxiet mill-Arċipriet Carmelo Refalo bis sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Wara sar Kunċert mużikali u Vokali konġunt bejn il-Banda Leone u l-Banda Sliema fil-Pjazza tal-Katidral.

11 Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Ewwel Jum tat-Tridu minn Dun Ġwann Muscat, Kappillan tal-Kor, flimkien mas-saċerdoti li għalqu 25 jqaddsu. Ippriedka Patri Lucjan Borg. Agostinjan.

12 Konċelebrazzjoni Solenni tat-Tieni Jum tat-Tridu minn Mons Rużar Borg flimkien mas-saċerdoti li għalqu 50 sena jqaddsu, bl-omelija minn Patri Lucjan Borg.

13 Konċelebrazzjoni Solenni tat-Tielet Jum tat-Tridu minn Mons Dekan Anton Gauci, fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tal-ordinazzjoni saċerdotali, bl-omelija minn Patri Lucjan Borg.

14 Lejlet il-Festa. Il-*Lombard Bank* ħareġ kartolina b'bolla kommemorattiva bit-titular tal-Katidral fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija.

Fil-għodu quddiesa għat-tfal mill-Arċipriet Ġuzepp Attard. Wara, it-tfal immarċjaw għall-każin tas-Soċjetà Filarmonika Leone akkumpanjati mill-Banda *Leone* fejn sar party.

Filgħaxija Transulazzjoni Pontifikali, Għasar, u Funzjoni Ewkaristika.

15 Il-Għid ta' l-Assunta.

• Il-quddies kien fil-4.15 am, 5.00, 5.45, 6.30, 7.15, 8.00, 9.15 (fuq il-għolja ta' Gelmus għal Tan-Nar), 11.00, 12.00 pm, 1.00, u 5.00.

• Konċelebrazzjoni Pontifikali fid-9.00 immexxija mill-Isqof Mario Grech mal-Kapitlu Katidrali. Fi tmiemha, ingħatat l-Barka Appostolika bir-rebħ tal-Indulġenza Plenarja. Kienet esegwita l-quddiesa *Missa in Solemnitate Sanctae Mariae Assumptae* ta' Maestro Joseph Sammut.

• Fi tmiem il-konċelebrazzjoni, ngħata **ġieħ il-parroċċa** lis-Sur Salvu Debrincat li ilu għal iktar minn 20 sena jieħu ħsieb jorganizza r-reffiegħa tal-istatwa ta' Santa Marija u tal-Vara l-Kbira.

• Fil-għaxija, Mons Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu, mexxa l-Għasar Solenni.

• Fis-6.30 pm bdiet ħierġa l-purċissjoni. Kien esegwit l-innu immortali *Per la Festa di Maria Assunta in Cielo* mill-Banda Ċittadina *Leone* bis-sehem tal-Kor, tenur, u baritonu. Il-Banda Ċittadina *Leone* akkumpanjat il-purċissjoni.

• Fil-11.00pm tislima lill-Assunta fid-dħul tagħha fil-Katidral ta' Għawdex bil-kant tal-*Ave Marija*. Kien hemm spettaklu meraviljuż ta' logħob tan-nar tal-ajru minn fuq l-għolja ta' Gelmus koordinat mill-*Vampa Organisations* li seta' jitgawda tajjeb ħafna mill-folla li kienet qed tassisti għad-dħul tal-istatwa.

• Fit-tmiem, l-Isqof Mario Grech ta l-Barka Sagramentali.

22 Quddiesa ta' radd il-Ħajr bl-evalwazzjoni tal-festa minn Mons Arċipriet. Wara l-

www.gozocathedral.org.mt

quddiesa l-istatwa ta' Santa Marija ddaħħlet fin-niċċa. Il-komunità parrokkjali għamlet donazzjoni lill-Kapitlu tal-Katidral għall-ispejjeż ta' manutenzjoni tal-faċċatta.

Settembru 2009

08 Festa tat-Twelid tal-Madonna. Il-ħin tal-quddies kien bħal Ħadd.

15 *Coffee Morning* b'risq il-parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

16-30 Reġistrazzjoni għat-tfal li riedu jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Konfermazzjoni fis-sena 2010.

16 Il-145 anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi u minn meta l-Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex kienet imgħollija għad-dinjità ta' Katidral.
Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-knisja ta' San Pawl, Marsalforn. Wara, żjara lill-monti, Nadur, is-*Seashell Restaurant*.

17 It-tieni anniversarju mill-ħatra ta' Mons Ġużepp Attard bħala Arċipriet.

21 It-311 anniversarju minn meta Dun Nicolò Cassia-Magri, arċipriet tal-knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex, poġġa l-ewwel ġebla tal-knisja Katidrali.

26 L-*Ispigolatrici della Chiesa* mexxew saghtejn ta' talb għall-qdusija tal-Kleru.

27 Tħabbar li l-Papa Benedittu XVI ser iżur Malta.

29 Ingħata bidu għal-laqgħat tal-*Lectio Divina* fil-Katidral.

Ottubru 2009

02 Ingħata bidu għal-laqgħat tal-Konunità Ewkaristika fil-Katidral. Quddiesa tal-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar għaż-żgħażagħ.

04 Festa tal-Madonna tar-Rużarju. Quddiesa minn Mons Ġużeppi Cauchi. L-arċipriet ta l-mandat tat-tagħlim tad-duttrina lill-katekisti. Wara ħarġet il-purċissjoni-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.
Inħadem Salib ġdid tal-injam għall-faċċata tal-Katidral, bħala parti mill-proġett ta' manutenzjoni.

05 Jiftħu ċ-Ċentri tad-Duttrina għat-tfal.

06 *Coffee Morning* b'risq il-parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

11 Terġa tibda l-quddiesa tal-Familja fl-10.30 am, u wara jkun hemm mumenti soċjali.
Il-292 anniversarju mid-dedikazzjoni tal-Katidral. Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr mal-Kapitlu Katidrali bis-sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

21 **Festa ta' Sant'Orsola, patruna ta' Għawdex u kontitular tal-Katidral.** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof Mario Grech bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

22-25 Il-Librerija tal-Katidral organizzat laqgħa internazzjonali biex tillanċja l-proġett imsejjaħ *ReBeL – reading between the lines*, proġett sponsorjat mill-programm Grundivig tal-Unjoni Ewropeja. Il-laqgħa ħabtet ma' għeluq it-30 anniversarju mit-twaqqif tal-Librerija.

Novembru 2009

01 Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qaddisin Kollha.
Id-59 anniversarju minn meta l-Papa Piju XII ipproklama t-Tlugħ fis-Sema ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem bħala domma ta' Fidi.

02 Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tal-Għid tal-Imwiet.

05 Il-**Banda tal-Forzi Armati** ta' Malta għamlet kunċert sinfoniku fil-knisja Katidrali taħt id-direzzjoni tal-Kaptan Ivan John Borg.

10 Ftuħ l-*bookings* għall-intenzjonijiet tal-quddies għas-sena 2010.

12 Sar pellegrinaġġ parrokkjali għaċ-Ċimiterju ta' Santa Marija.

15 Quddiesa bis-sehem it-*Transplant Support Group* ta' Għawdex.

16 Quddiesa ta' Radd il-Ħajr mill-Isqof Mario Grech fi tmiem it-tmexxija tal-Brigadier Carmel Vassallo tal-Armata ta' Malta u tal-ħatra tal-Kurunell Martin Xuereb. Ħadu sehem il-membri kollha tal-Armata minn Għawdex.

17 Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija u bibita fil-*Bukket Restaurant*, Qala.

17-19 Tridu fil-parroċċa bit-tħejjija għall-Kungress Ewkaristiku Djoċesan.

22 Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tal-Festa ta' Kristu Re. Il-Parroċċa ħadet sehem fil-korteo ta' Kristu Re u fil-manifestazzjoni djoċesana fil-Belt Victoria. Quddiesa mill-Isqof Mario Grech b'suffraġju ta' Mons Francis Baldacchino, Isqof Kapuċċin li mexxa għal disgħa snin id-Djoċesi ta' Malindi fil-Kenja.
Quddiesa għat-tfal, żgħażagħ, u familji tal-

www.gozocathedral.org.mt

S.K. Wanderers.

28 Tħabbret il-mewt ta' Mons Tumas Curmi, Membru tal-Kapitlu tal-Katidral.

29 Bidu tal-Avvent. Fil-quddies tas-6.00pm tal-Ħdud saru l-prietki mid-Djaknu Maximillian Grech.

Diċembru 2009

01 *Coffee Morning* b'risq il-parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

04 Tħabbret il-ħatra tal-Arċipriet Ġużepp Attard bħala *Prelato d'Onore* tal-Qdusija Tiegħu il-Papa Benedittu XVI.

06 John Mejlaq, seminarista tal-parroċċa tal-Katidral, irċieva l-Ministeru tal-Akkolitat mill-Isqof Mario Grech fil-knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz.

08 Solennità tat-Tnissil Bla Tebgħa tal-Verġni Marija. Il-ħinijiet tal-quddies fil-Katidral kienu bħal dawk tal-Ħadd. Filgħodu saret Konċelebrazzjoni Pontifikali.

12 Irtir bi tħejjija għas-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof fil-Katidral.

13 Mal-ħarġa tal-Bullettin tqassam il-programm dettaljat tal-Milied.

15-23 Novena tal-Milied għat-tfal u għall-kbar minn Patri George Bugeja, Franġiskan Minuri.

20 Saret quddiesa għall-gradwati mill-Parroċċa bħala radd ta' ħajr lil Alla fi tmiem l-istudji tagħhom.

22 Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-Qasam tal-MUSEUM Subien, Xagħra u wara, żjara lil xi presepji. L-attività ntemmet b'ikla fl-*Ankra Restaurant*, Mġarr.

24 Kunċert tal-lejl tal-Milied u prietka tat-tfajjel Mark Azzopardi. F'nofs il-Lejl Konċelebrazzjoni Pontifikali.

25 **Jum il-Milied**. Filgħaxija Mons Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.

26 Quddiesa għall-*helpers* kollha tal-parroċċa.

28 Party tal-Milied għat-tfal tal-parroċċa.

29 Il-parroċċa tal-Katidral, flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Leone, organizzaw żjajjar għall-presepji għat-tfal u l-adoloxxenti. Żjajjar lill-morda u lill-anzjani fl-Isptar Ġenerali u kliniċi privati mill-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* u mill-*Cathedral Youth Choir* bil-kant tal-innijiet tal-Milied.

31 Jum ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat b'radd il-ħajr tas-sena li ntemmet. Filgħaxija Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* u l-orkestra.

Jannar 2010

01 Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Ewwel Jum tas-sena bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis.*

03 Mal-ħarġa tal-Bullettin tqassam il-Kalendarju tal-Parroċċa. Tqassam ukoll il-programm taż-żjajjar li ser isiru mill-missjunarji lajċi fid-djar bħala parti mill-Missjoni Djoċesana.
Konċelebrazzjoni tas-Solennità tal-Epifanija tal-Mulej bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis.*

12 *Coffee Morning* b'risq il-Parroċċa fil-Każin tal-Banda Leone.

14 Bdew sensiela ta' laqgħa għall-koppji li żżewġu f'dawn l-aħħar ħames snin.

16 Saret l-ewwel laqgħa għall-għarajjes bi tħejjija għaż-żwieġ.

19 L-ewwel ħarġa għall-anzjani għas-sena 2010 b'quddiesa fil-knisja ta' Sant'Anton Abbati, Xagħra, u bibita fil-*Lantern Restaurant*, Marsalforn.

28 Quddiesa b'suffraġju ta' Adrian Agius f'għeluq l-10 anniversarju mill-mewt traġika tiegħu.

31 Festa ta' San Ġwann Bosco. L-Arċipriet mexxa l-konċelebrazzjoni fl-Oratorju Don Bosco bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* u wara mexxa wkoll il-Purċissjoni.

Frar 2010

02 Konċelebrazzjoni tal-Preżentazzjoni tal-Mulej.

10 Solennità ta' San Pawl Missierna. Il-Quddies kien bħal ta' nhar ta' Ħadd.
Coffee Morning b'risq il-parroċċa fil-Każin tal-Banda Leone.

14 Jum l-Art Imqaddsa. Il-ġbir kollu sabiex jinżammu b'mod xieraq is-santwarji l-aktar għeżież marbuta mal-misteri tal-fidi tagħna fil-Palestina.
Mal-*Bullettin* tqassam il-programm dettaljat tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa.

17 **Ras ir-Randan.** Konċelebrazzjoni Pontifikali bit-tberik tal-Irmied bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis.*

19 Pellegrinaġġ Penitanzjali Djoċesan fil-knisja arċipretali taż-Żebbuġ.

21 Quddies tal-Ħdud tar-Randan bl-omelija mill-kwareżimalista d-Djaknu Maximillian Grech.

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

23 Ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa fis-Santwarju ta' Lourdes, Għajnsielem, u bibita fil-*Moby Dick Restaurant*, Xlendi.

26 Meditazzjoni tal-Via Sagra mmexxija mill-Arċidjaknu Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali.

Marzu 2010

01-05 Eżerċizzi Spiritwali għal kulħadd mill-Kan Eddie Vella.
Eżerċizzi Spiritwali għall-miżżewġin minn Mons Anton Borg.

05 Meditazzjoni tal-Via Sagra mmexxija minn Mons George Tabone.

06 Irtir għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina fil-kunvent ta' Santu Wistin immexxi minn Nancy Grech u Anna Refalo.

12 Meditazzjoni tal-Via Sagra minn Dun Vince Pavia.

18 Irtir Parrokkjali f'Dar Manresa immexxi minn Patri Rajmond Pace, Ġiżwita.

19 **Festa ta' San Ġużepp.** Fis-1.00 pm, quddiesa solenni mill-Arċipriet Ġużepp Attard fil-kappella ta' San Ġużepp fiċ-Ċittadella. Fil-għaxija, l-Isqof mexxa Pontifikal bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* fil-Katidral.

20 Irtir Spirtiwali għall-kandidati tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fl-annexe tal-Katidral immexxi mill-Kan Michael Galea.

22-25 Eżerċizzi Spiritwali għall-anzjani minn Dun Joe Calleja fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Eżerċizzi Spiritwali għat-tfal mill-Kan Michael Galea fil-Katidral.
Eżerċizzi Spiritwali għaż-żgħażagħ mill-Kan Michael Galea fl-annex tal-Katidral.

25 Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma.
Irtir tar-Randan għall-Presbiterju Parrokkjali u l-Membri tal-Kapitlu Katidrali minn Dun Dione Cutajar f'Dar Manresa.

25-27 Fiera tal-figolli fiċ-ċentru parrokkjali tal-Katidral.

26 Jum id-Duluri tal-Verġni Mqaddsa Marija.

28 Ħadd il-Palm. Konċelebrazzjoni Pontifikali tat-tberik tal-palm bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Wara l-funzjoni tbierket il-*Mejda tal-Appostli* fil-kappella ta' Santa Barbara, organizzata mill-Grupp tal-Abbatini u tal-Vokazzjonijiet tal-Katidral.
Filgħaxija Purċissjoni tal-Passjoni mat-toroq tal-Belt Victoria.

29 Nofs ta' nhar Irtir f'Dar Manresa għall-anzjani immexxi mill-Kan Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali.

30 Jum ir-Rikonċiljazzjoni. Fil-5.00pm sar servizz penitenzjali u kien amministrat is-sagrament tal-Ewwel Qrara lit-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.
Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Katidral bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*, tal-*Cathedral Youth Choir* u tal-Banda Ċittadina Leone. Bejn il-bċejjeċ mużikali nqraw poeżiji minn diversi membri tal-parroċċa.

31 L-Erbgħa tat-Tniebri. Ċelebrazzjoni Kateketika għat-tfal li matulha kien spjegat it-Tridu Mqaddes tal-Għid.

April 2010

01 Ħamis ix-Xirka. Filgħodu Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali tat-Tberik taż-Żjut bis-sehem tal-qassisin kollha ta' Għawdex. Fit-tmiem, l-Isqof ta l-Barka Appostolika bir-rebħ tal-indulġenza plenarja.
Filgħaxija Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Ikla tal-Mulej.

02 Il-Ġimgħa l-Kbira. Mons Isqof mexxa l-funzjoni tat-Tifkira tal-Mewt tal-Mulej.

03 Sibt il-Għid. Mons Isqof mexxa l-funzjoni tal-Vġili l-Kbira tal-Għid.

04 **L-Għid il-Kbir.** Filgħodu quddiesa għall-komunità parrokkjali mill-Arċipriet u fit-tmiem tqassmu l-figolli tal-Għid lit-tfal kollha. Wara, manifestazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt mill-Katidral bis-sehem tal-Banda Ċittadina *Leone*.
Filgħaxija Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali. Kien ħafna maltemp, iżda, minkejja dan, xorta waħda kien hemm ħafna nies għall-Pontifikal.

05 Beda t-tberik tal-familji.

07 Ħarġa f'Malta.

13 *Coffee Morning* b'risq il-Parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

20 Ħarġa tal-anzjani b'quddiesa fil-kappella tar-Ragħaj it-Tajeb u bibita fil-*Bukkett Restaurant*, Qala.

29 Mons Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tat-54 anniversarju minn meta s-Soċjetà Filarmonika Leone irregalat l-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija lill-knisja Katidrali. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina *Leone* u l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Għamel l-omelija

Dun Vinċenz Pavia, kappillan ġdid tal-Banda Leone.

Mejju 2010

01 Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.

05 ***L-Ewwel Erbgħa*** bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija. Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.

06 Pellegrinaġġ Parrokkjali lejn il-Parroċċa tal-Munxar fl-okkażjoni tal-1950 sena min-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta.

11 *Coffee Morning* b'risq il-parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

12 Quddiesa tat-*Tieni Erbgħa* minn Mons Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu tal-Kapitlu Katidrali.

15 *Lejlet Lapsi – Notte Gozitana.* Imħabba din il-manifestazzjoni, b'attivitajiet kontinwi fiċ-Ċittadella, il-Kwaranturi tal-Katidral kienu posposti għall-Korpus.

16 Solennità tat-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema. Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons Isqof.

18 Ħarġa tal-anzjani b'quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu u bibita fl-*Odyssey Restaurant*, Marsalforn.

19 Quddiesa tat-*Tielet Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun George Mercieca.

23 Solennità ta' Għid il-Ħamsin. Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons Isqof.

26 Quddiesa tar-*Raba' Erbgħa* ta' Santa Marija minn Mons Tommaso Caputo, Nunzju Appostoliku għal Malta, fl-okkażjoni tal-20 sena anniversarju miż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Katidral. Il-Banda Leone akkumpanjat lin-Nunzju mill-Pjazza tat-Tokk sal-Katidral.

Ġunju 2010

01 Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-kappella tas-seminarju fejn iddawru mal-post. Wara, bibita fil-*Churchill Restaurant*, Xlendi.

02 Quddiesa tal-*Ħames Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju.

03 Mons Isqof amministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

04 **Bidu tal-Kwaranturi.** Tlett ijiem ta' adorazzjoni solenni tal-Kwaranturi.

05 Lejl ta' talb u adorazzjoni li ntemmet b'quddiesa f'Nofs il-lejl.

06 **Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.** Mons Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni li fiha amministra s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina.
Għeluq il-Kwaranturi. Mons Mario Grech, isqof ta' Għawdex, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali u purċissjoni bis-Sagrament bis-sehem tat-tfal kollha tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof u numru kbir ta' parruċċani.

07 Bdiet il-ġabra bieb, bieb, għall-opra tal-pavaljun tat-Titular.

09 Quddiesa tal-*Sitt Erbgħa* ta' Santa Marija minn Mons Salvu Muscat.

13 L-Isqof mexxa l-funzjoni tal-Ordinazzjoni Saċerdotali li fiha **Maximillian Grech mill-Parroċċa tal-Katidral kien ordnat saċerdot** flimkien ma' Noel Debono mill-parroċċa tan-Nadur, neputi tal-arċipriet tal-Katidral, u bin Ġovanna Debono, il-Ministru għal Għawdex.

16 Quddiesa tas-*Seba' Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Joe Calleja.

20 Il-25 anniversarju mit-twaqqif ta' Dar Ġużeppa Debono b'quddiesa mmexxija mill-Arċipriet fil-Katidral.
Il-Grupp tal-Vokazzjonijiet organizza fiera tal-kejkijiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier
Mons Isqof Mario Grech mexxa l-funzjoni li fiha **John Meilak mill-Parroċċa tal-Katidral kien ordnat djaknu** flimkien ma' ħames seminaristi oħra.

23 Quddiesa tat-*Tmien Erbgħa* ta' Santa Marija mill-Kan Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali.

29 Festa ta' San Pietru u San Pawl.

30 Quddiesa tad-*Disa' Erbgħa* ta' Santa Marija minn Mons George Tabone.

www.gozocathedral.org.mt

CARL SCERRI

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

1 ta' Lulju, 2009 — 30 ta' Ġunju, 2010

Magħmudijiet

DATA	ISEM TAT-TARBIJA	ISEM IL-ĠENITURI
03.07.09	Christina Caruana	Ramon u Ann Marie neè Tabone
03.07.09	Zack Camilleri	Patrick u Michelle neè Mercieca
03.07.09	Katia Camilleri	John u Lorna neè Dimech
12.07.09	Stephen Daniel Grech	Robert u Sarah neè Delicata
09.08.09	Maria Sciberras	Lawrence u Francelle neè Ħili
16.08.09	Glen Mifsud	Sammy u Monica neè Mercieca
21.08.09	Mireille Bajada	Joseph u Irene neè Xerri
18.10.09	Hayley Buttigieg	Mark u Lilian neè Zahra
18.10.09	Mary Jane Azzopardi	John u Phyllis neè Azzopardi
28.10.09	Maria Cardona	Godwin u Rina neè Gatt
15.11.09	Chiara Debrincat	Joseph u Tanya neè Abela
03.12.09	Aiden Piscopo	Tracy Piscopo
09.01.10	David Mercieca	John u Maria neè Attard
16.01.10	Mireille Grech	Joseph u Elise neè Bajada
13.02.10	Jacques Bouvier	Arnaud u Angele neè Galea
14.02.10	Eusebio Debrincat	Emanuel u Diana neè Micallef

Żwiġijiet

DATA	ISEM U PARROĊĊA TAL-GĦARAJJES
04.07.09	David Vella (Żebbuġ) u Maureen Buttigieg (Katidral)
11.07.09	Kevin Mizzi (Katidral) u Charlene Meilaq (Katidral)
18.07.09	Francesco Grima (Għajnsielem) u Maxine Farrugia (Katidral)
25.07.09	Mark Schembri(Nadur) u Josephine Theuma(Fontana)
01.08.09	Anthony Cordina (Katidral) u Rose Spiteri (Nadur)
08.08.09	James-Paul Formosa(Xagħra) u Charlene Calleja (Sannat)
08.08.09	Sergio Bebiano (Portugal) u Charlene Vella (Katidral)
09.08.09	Kevin Caruana(Fgura) u Claudia Tabone (Katidral)
07.09.09	Stephen Mason (Irelnda) u Siobhan Gronin (Irlanda)
20.09.09	Dorian Xuereb (Swieqi) u Sabrina Farrugia (Katidral)
26.09.09	Mark Calleja (Katidral) u Marilyn Cauchi (Xewkija)
31.03.10	Carmel Bugeja (Katidral) u Annunziata Bezzina (Katidral)
10.04.10	Anthony Mercieca (Michigan) u Marlene Tabone (Kercem)
25.04.10	Samuel Delia (Xgħajra) u Carolann Mizzi (Għarb)
08.05.10	Claudio Cini (Żebbuġ) u Sharon Farrugia (Katidral)
22.05.10	Gordon Tanti (Rabat-Malta) u Charmaine Vella (Katidral)
22.05.10	Francesco Attard (Xewkija) u Susana Bancoro-Cabaces (Fillipini)
05.06.10	Andrew Sultana (Katidral) u Carolyn Hili (Nadur)
05.06.10	Anthony Theuma (San Ġorġ) u Romina Buttigieg (Katidral)
18.06.10	Sylvio Debono (Xagħra) u Sara Jane Said (Katidral)

www.gozocathedral.org.mt

Imwiet

DATA	ISEM	ETA
09.07.09	George Mercieca	79 sena
13.07.09	Ursula Formosa	74 sena
23.07.09	Antonia Spiteri	77 sena
15.08.09	Carmen Grima	45 sena
19.08.09	Maria Vella	85 sena
28.11.09	Mons Tumas Curmi	78 sena
09.12.09	Ġuzeppi Schembri	72 sena
16.12.09	Victor Vella-Muskat	74 sena
17.12.09	Francesca Farrugia	70 sena
03.01.10	JohnMuscat	74 sena
19.01.10	Antonia Scicluna	80 sena
19.01.10	Gregory Grech	79 sena
27.01.10	Salvatore Galea	79 sena
14.02.10	Rosario Cini	76 sena
02.03.10	Giorgina Portelli	80 sena
16.03.10	Josephine Caruana	85 sena
28.03.10	Joseph Vella	62 sena
05.04.10	Joseph Borg	90 sena
08.04.10	Julia Grech	85 sena
10.04.10	Petronella Vella	83 sena
13.04.10	Maria Debrincat	93 sena
30.04.10	Terezina Attard	87 sena
02.05.10	Maria-Giovanna Psaila	67 sena
06.06.10	Marianne Hili	94 sena
14.06.10	Rose Vella-Muskat	71 sena

L-Ewwel Tqarbina

6 ta' Ġunju 2010

Agius Gabriel Radostin, Attard Gabriel, Briffa Andrea, Caruana Gianluca, Curmi Luana Marie, Cutajar Isaac, Debrincat Matthew, Grech Joseph, Mompalao Emma, Pisani Debono Phoebe, Sant Maria, Vella Caroline Sylvie, Vella Francesca, Vella Michael, Vella Muskat Antonella, Xuereb Bernard u Zammit Emerson.

Griżma ta' l-Isqof

3 ta' Ġunju 2010

Azzopardi Amanda Jane, Azzopardi Mark, Bajada Marienica, Bonnici Martha, Borg Daniel, Bugeja Jasmine, Busuttil Kirsty Marie, Buttigieg Aaron, Calleja Christine, Calleja Nadia, Camilleri Andrew, Camilleri Darren, Camilleri Nick, Caruana Stefania, Castillo Lorella, Cini AnnMarie, Curmi Michael Paul, Curmi Nathan, Curmi Sintayehu, Debrincat Analise, Dimech Hannah, Farrugia Simon, Galea Maria Elena, Galea Shaun, Gauci Kimberly, Grech Glenn, Grech Krista, Grillage James, Mercieca Daniel, Mercieca Josmar, Mercieca Nathaniel Paul, Mercieca Renee, Scicluna Jeremy, Spiteri Mark, Sultana Ritianne, Vella Joshua u Vella Sharona.

www.gozocathedral.org.mt

ĠANNINU CREMONA

GĦADDEJJA R-REĠINA

Għaddejja r-reġina – iddur mal-belt tagħna,
sbejħa u rżina – kif tgħaddi sultana.
Għaddejja l-omm tagħna – fis-saltna smewwija,
għaddejja l-patruna – Santa Marija.
Ilqgħuha bil-fjuri – bil-ward ta' ġol-ġnien,
stennewha ħdejn darkom – iftħulha l-bibien.
Ifirxu t-tapiti – għax-ġejja l-għarusa,
imżejna bid-dija – hekk sbejħa u grazzjuża.
Sellmulha, kantawlha – tifħir innijiet,
bi ħġarkom miġbura – mir-rħula u mill-bliet.
Ma' l-għana ferrieħi – tal-qniepen ferħana,
mal-briju tal-baned – ċapċpulha ħerqana,
għax hekk jixirqilha – ix-xemx tal-ħolqien
il-kewkba li tiddi – f'kull waqt u f'kull żmien.
Stidnuha ġo djarkom – familji mġarrbin,
familji mifruda – familji mkissrin,
għax hi omm ħanina – li tgħaqqad flimkien
biex f'darkom bħal darba – isaltan is-sliem.
U intom il-morda – fis-sodda mifnija,
għaddejja qrib tagħkom – Santa Marija.
Ittawlu mit-tieqa – sellmulha u busuha,
għidulha, uruha – kemm tafu tħobbuha.
U intom ja żgħażagħ – ġo dinja tal-ġenn,
taħt il-mant tagħha – idħlu għall-kenn.
Għajtu ferħana – bil-qalb għalenija
Viva l-omm tagħna – Santa Marija

BELLUSA DAUGHTERS LTD.

Imports: Radiators
: Condensers
: Heaters
: Batteries
: Tyres

Bellusa Garage
Ġorġ Borġ Olivier Str.,
Victoria, Gozo, Malta

Mob: +356 9949 0262
Tel: +356 2155 2688
Fax: +356 2155 3885
Email: belgozo@vol.net.mt

The Liqueur Shop

THE LEADING
WINES, SPIRITS
& TOBACCO MERCHANTS
IN GOZO

Free Home Delivery

14, ST GEORGE'S SQR.
VICTORIA, GOZO.
Tel: 2155 6531; Fax: 2155 5809.

KULTURA

www.gozocathedral.org.mt

The Gozo Cathedral and the Cathedral Museum History and guide

Għadha kif ħarġet edizzjoni ġdida – ir-raba' waħda – ta' dan il-ktieb-gwida bil-kulur tal-Katidral u tal-Mużew tiegħu. Akkwista kopja għalik u ibgħat kopja lill-qrabatek u ħbiebek. Iqum €**5** biss u jinsab għall-bejgħ fil-

Cathedral Gift Shop
(taħt il-mina ż-żgħira)
Jiftaħ mit-Tnejn sas-Sibt
mid-9.30 sal-5.00 pm

- L-istorja tal-Katidral fil-qosor
- Deskrizzjoni tal-arkitettura tiegħu
- Gwida dettaljata tal-knisja, tas-sagristija, u tal-kanirja
- Tagħrif fuq l-istatwa ta' Santa Marija u l-istatwi l-oħra kollha
- Tajjeb ħafna għal *school projects* tat-tfal

Din il-ħarġa ta'* Il-Għid tal-Assunta *tinsab f'verżjoni diġitali PDF minn qoxra sa qoxra fuq il-website

www.radjukatidral.com

Rev. George Mercieca

FEJN INT SEJRA?

U rajtha bħal kewkbet
Is-sebħ, kollha dija;
Għedtilha: "Fejn sejra
Hekk kmieni, Marija?"
U wieġbet li xirfet
Hemm fuq mis-smewwiet
Biex titfa' mill-għoli,
T'għajnejha x-xrariet.

U rajtha tisseqqer
Fl-għelieqi, f'widien;
Staqsejtha: "Fejn sejra
Qalb fjuri ta' lwien?"
U qaltli li sejra
tmur tiġbor il-ward
Ħa tfewwaħ bi lbiesha
L-imkejjen tal-art.

U lmaħtha titliegħeb
Fil-baħar kaħlan;
Staqsejtha, "X'int tagħmel,
Fl-abbiss tal-qigħan?"
U wieġbet li għodsot
Issalva l-bnedmin
Li tilfu kull tama
Għax wisq midinbin!

U rajtha tixxabbat,
Tixxeblek mas-swar;
Staqsejtha, "Fejn sejra,
'Il fuq hekk mid-djar?"
U qaltli li sejra
Għax tħobb lill-bnedmin,
Tlestilhom il-maqgħad
Fejn Binha l-ħanin.

U dehret quddiemi
Max-xemx kif qed tnin,
Fil-ħmura tas-sema,
Qalb nar u tiżjin;
Staqsejtha: "Fejn sejra,
Għax daħal il-ħin,
Ferħana, ħafifa,
Bl-ilbies abjad fin?"

U wieġbet li ħarġet
Mill-Maqdes għażiż
Fil-Festa ta' qalbha,
Jum Kbir, wisq qaddis,
Itterraq hawn fostna
F't'Awwissu l-Ħmistax
Qalb kant, daqq u għana,
Ċapċip ma jaqtax,

Biex tbierek lil Għawdex
U tħarsu mill-hemm,
Issabbar il-morda,
Tixxotta kull demm;
Il-ġrieħi tinfaxxa
Tal-għira, tal-ġlied;
Is-sliem tiżra' f'qalbna
Timliena tamiet!

U qaltli li berrħet
L-idejn miftuħin
Biex tgħannaq is-sema,
Turina d-destin;
F'għajnejha aħna nilmħu
Il-ġmiel tal-ħolqien,
F'ħaddejha s-sbuħija
Li tisboq kull żmien.

Għax inti, Marija,
Sabiħa f'kull ħin,
Ma tafx bix-xjuħija
Li tkidd il-bnedmin!
Hekk għamlek min ħalqek
U għażlek minn rajh,
Mar żejnek bil-kwiekeb
U ġibdek warajh.

Il-baħar tefagħlek
Fil-ħbub blu t'għajnejk,
U l-ħmura tas-sema
Raxxaxlek f'ħaddejk.
Fassallek il-libsa
Li ma tiqdiem qatt.
Bqajt dejjem tal-moda,
Saħħart lil kulħadd!

Victoria, 07.07.09.

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

- EDITORJAL – Ferħ u swied il-qalb 3
- ARĊIPRIET ĠUZEPP ATTARD – Messaġġ 4
- JOSEPH BEZZINA – Il-Bennejja tas-sena 1710 5
- JOSEPH BEZZINA – Għawdex Kristjan fit-tieni kwart tas-sena tnax 6
- JOSEPH BEZZINA • WINSTON L. ZAMMIT – 700 Tazza taż-Żejt għat-Tokk 13
- WINSTON L. ZAMMIT – Il-Festa ta' Santa Marija 16
- ARĊIPRIET ĠUŻEPP ATTARD – Pavaljun għal fuq l-inkwatru titulari 18
- LUKE BEZZINA – 30,000 segwew ir-radju Katidral Online TV 19
- CARL SCERRI – Il-Velja ta' Santa Marija 20
- MAXIMILLIAN GRECH – Xi tfisser tkun saċerdot 21
- ĠIMGĦA LITURĠIKA - Ewkaristika 23
- JOHN MEJLAK – Ordnat Djaknu 24
- CARL SCERRI – Il-Grupp tal-abbatini u tal-Vokazzjonijiet 25
- JOSEPH BEZZINA – Dun Franġisk Saliba 26
- CARL SCERRI – Nifirħu lil 27
- M. BONNICI • M. AZZOPARDI – Abbatini mill-Katidral għall-Vatikan 29
- PAUL CASSAR – Dawk li jdoqqu l-Qniepen, Maltemp u Bnazzi 30
- MASSIMO BUTTGIEG – Djarju tal-Parroċċa tal-Katidral 31
- CARL SCERRI – Kronaka tal-Parroċċa 37
- ĠANNINU CREMONA – Għaddejja r-Reġina 39
- REV. GEORGE MERCIECA – Fejn int Sejra? 41

www.gozocathedral.org.mt

Maximal Forklifts



Vast Variety
LPG, Diesel,
Electric

Range from
1.5 - 18 tons

Your choice of machinery for all your heavy jobs at very affordable prices

Hand Palletizer

- Manual operated
- Range from 500kg to 1500kg lifting capacity
- Lifting height between 1.6mtrs to 2.5mtrs

STARTING FROM €500

JCR LTD.

Gozo Factory: Brick Factory, Gruwa Str, Xewkija - Gozo • tel: 2155 6722 / 9369
Malta Outlet: Triq in-Negozju, Mriehel Ind.Est., B'Kara - Malta • tel: 2144 2466
www.jcrltd.com

BACK TO SCHOOL
LARGEST RANGE OF SATCHELS, ACCESSORIES & STATIONERY
SPECIAL DISCOUNTS
ON ALL SATCHELS
TOYS
Kidzland
BY MARKS & SIMONS
Mro. G. Giardini Vella Str, Victoria, Gozo.
Tel: 2155 6431 Email: water@maltanet.net

OFFERTA €3